Inter Amateur Soccer Competition 2
L-Isem tal-Organizzazzjoni 3
L-Iskop 4
Kostituzzjoni 4
Nominazzjonijiet ta' Membri Ezekuttivi 5
Ħatra ta' Council Members fil-Kunsill tal-Malta Football Association 6
Ħatra ta' Tliet Delegati tal-I.A.S.C 6
Dimissjonijiet – Obbligi hal-Membri Uffiċjali Ezekuttivi 7
Vot ta' Sfiduċja 9
Id-Dmirijiet tal-Membri Uffiċjali Ezekuttivi 9
Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali 11
Kundizzjonijiet tal-Isteering Committee tal-I.A.S.C. 13
Referees u Asst. Referees tal-Malta Football Association 16
Affiljazzjoni u Kundizzjonijiet tal-Clubs 17
Competition Rules 21
Projbizzjoni ta' Reklami jew Isem Ieħor Eċċ. 38
Dixxiplina tal-Għaqda 39
Kif Għandhom isiru l-Protesti 48
Kif Għandhom isiru l-Appelli 51

# Inter Amateur Soccer Competition

L-istatut oriġinali tal-I.A.S.C. ġie irrevedut fix-xahar ta' Mejju 1963; ta' Mejju 1978; ta' Frar 1986; f'Settembru 1989 u f'Settembru 1996. Wara reġa' ġie irrevedut fl-għeluq l-erbgħin anniversarju 1959/1960 - 1999/2000. Fil- ftuh tal-istagun 2014/2015 gie rrevedut u maqlub f'format eletroniku biex jigi ippublikat fil-website ta' l-ghaqda.

**L-ewwel Kumitat eżekuttiv 1959/60**

| | |
|---|---|
| **President** | Is-Sur Paul Borg Inguanez |
| **Viċi President** | Is-Sur George Brydon Spiteri |
| **Segretarju** | Is-Sur Saviour Privitera |
| **Asst. Segretarju** | Is-Sur Francis X. Cachia |
| **Kaxxier** | Is-Sur Gaetano Mercieca |
| **Asst. Kaxxier** | Is-Sur Tony Sammut |
| **Konsulent Legali** | Dr. Arthur Valenzia LL.D. |
| **Direttur Spiritwali** | Fr. Hilary Tagliaferro OESA |

It-treġġija assoluta ta' din l-organizzazzjoni, hija komposta mit-tliet membri uffiċċjali newtrali biss.

Il-Kunsill tal-Inter Amateur Soccer Competition
12 ta' Ġunju, 2014

## L-ISEM TAL-ORGANIZZAZZJONI

### 1. ISEM

Din l-organizzazzjoni għandha tkun jisimha INTER AMATEUR SOCCER COMPETITION, u għandha tkun affiljata bħala "Associate member" jew inkella tkun "Full Member" skont kif jiddeċiedi l-Kunsill ta' din l-Organizzazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, li ma tkunx aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, jew kif tiddeċiedi l-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION u, li din l-Organizzazzjoni għandha timxi u tosserva r-Regolamenti tal-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION sa fejn dawn ikunu prattikabbli u ta' ħtieġa għal din l-Amministrazzjoni, u għaċ-ċirkostanizi li tista' tkun tinsab fihom din l-Għaqda.

### 2. INTERPRETAZZJONIJIET

L-interpretazzjonijiet kollha kull fejn tidher il-kelma 'Organizzazzjoni' u 'Għaqda' u jew 'l-I.A.S.C.', għandha tingħata bħala tfisser 'INTER AMATEUR SOCCER COMPETITON', b'eċċezzjoni fejn il-kontenut ta-Regolamenti l-kelmiet 'Organizzazzjoni', u 'Għaqda' jkunu jfissru mod ieħor.

### 3. AWTORITÀ BIEX ISIRU R-REGOLAMENTI

Din l-Għaqda tagħmel regolamenti skont kif ikun jidhirlu l-Kumitat Eżekuttiv jew il-Kunsill Ġenerali, għall-effiċjenza tal-Amministrazzjoni u affarijiet oħra, basta dawn ma jkunux jolqtu r-Regolamenti tal-logħba tal-Football, u, li sa fejn huwa prattikabbli, kunu 'on a par' mar-Regolamenti tal-Malta Football Association.

### 4. KONNESSJONIJIET

L-Inter Amateur Soccer Competition MHIJIEX Għaqda politika, jew li għandha xi, jew ikollha parti politika; li l-Membri kollha tagħha, kemm daw tal-Eżekuttiv, Onorarji, Kunsill, eċċetra, ma huma mħollija lli jagħmlu użu minn din l-Organizzazzjoni għal għan politiku; jew għall-affarijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mal-qasam tal-Amateur Football biss.

## L-ISKOP

### 5. ASPETT

Din l-Organizzazzjoni tgħin fl-edukazzjoni fiżika u morali taż-żgħażagħ u ta' dawk kollha li jieħdu sehem fil-qasam tal-amateur football.

### 6. TORGANIZZA

Fejn ikun possibbli, tgħallem il-logħba tal-football, tgħin fil-karattru sportiv u tgħaqqad soċjetajiet. Tieħu ħsieb u twaqqaf kompetizzjonijiet, bħal

a) League u Knock-out, Good Conduct Shield, eċċ.;

b) Tieħu parti, u jew torganizza kull xorta ta' kompetizzjonijiet oħra tal-football għall-Amateurs;

c) Iżżomm numru ta' Clubs tal-Football tal-Amateurs kif jiddeċiedi l-Kunisll fil-Laqgħa Ġenerali Annwali;

d) Timxi skont it-tradizzjonijiet tal-pajjiż.

## KOSTITUZZJONI

### 7. KOMPOZIZZJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV U L-KUNSILL

a) Din l-Għaqda tkun komposta minn sitt membri uffiċċjali newtrali u jiffurmaw il-Kumitat Eżekuttiv, u minn delegat wieħed ta' kull Club li jkun affiljat f'din l-Organizzazzjoni li minnhom ikun iffurmat il-Kunsill Ġenerali.

*N.B. F'każ ta' nuqqas ta' membri newtrali, il-karigi tat-tliet assistenti jkunu jistghu jiġu okkupati mill-membri tal-Kunsill skont iċ-ċirkostanzi ta' kull staġun kurrenti.*

### MIN JISTA' JKUN ID-DELEGAT TA' KULL CLUB FIL-KUNSILL

b) Kull Club li jkun affiljat f'din l-Għaqda jista' jibghat bħala delegat fil-Kunsill tal-I.A.S.C. wieħed mit-tliet membri li jiġu nnominati mill-istess Kumitat tal-istess Club, li kienu ġew irreġistrati fuq il-Form (F) ta' din l-Għaqda skont Rule 51/A.

c) F'każ li Club ikun irid jibgħat xi persuna oħra, bħala delegat tal-istess Club, biex l-istess persuna tiġi aċettata, trid tikteb u trid tkun tagħmel parti mill-istess Kumitat, li kien ġie elett fl-ewwel Laqgha Ġenerali Annwali tal-istess club u li jkun ġie irreġistrat fuq il-Form (SF) ta' din l-Għaqda skont Rule 51/B.

## NOMINAZZJONIJIET TA' MEMBRI EZEKUTTIVI

### 8. PRESIDENT – MEMBRU NEWTRALI

a) Il-President ta' din l-Għaqda għandu jkun possibilment dik il-persuna li ma jkollha ebda parti diretta jew indiretta ma' xi Clubs li jkun affiljat ma' din l-Għaqda. (F'każ li jkun hemm xi President ta' din l-Għaqda li jkun kontra l-ispirtu ta' dan il-prinċipju, jkun qed iwettaq reat kbir, li jfisser nuqqas ta' rispett lejn l-Għaqda Ġenerali u, fl-istess waqt il-persuna kkonċernata għandha tibda titqies bħara persuna NON-GRATA).

### SEGRETARJU – POSSIBILMENT NEWTRALI WKOLL

b) Is-Segretarju ta' din l-Għaqda possibilment għandu jkun Membru Newtrali wkoll, imma f'każ li għal din il-Kariga ċ-ċirkustanzi ma jkunux jippermettu, l-Clubs li jkunu Affiljati, għandhom id-dritt li jagħżlu persuna minn fosthom li tkun eżemplari, ta' ċertu responsabbiltà biex permezz tal-koperazzjoni bejn il-Clubs u l-istess Segretarju, jinħoloq kontribut tajjeb fl-aħjar interess ta' din l-Għaqda.

c) Dawn iż-żewġ Karigi ta' President u Segretarju, jistgħu jiġu nominati mill-Clubs li jkunu diġa affiljati f'kull l-aħħar Staġun Kalċistiku, fuq il-FORM (A) li tiġi pprovduta minn din l-Għaqda. U l-istess żewġ karigi jisgħu jiġu okkupati biss, permezz ta' approvazzjoni minn żewġ terzi (2/3) mill-membri (Delegati tal-Clubs) li jkunu preżenti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill li jsir skont Rule 26/C u D.

### KAXXIER – POSSIBILMENT NEWTRALI WKOLL

d) Il-kaxxier ta' din l-Għaqda possibilment għandu jkun Membru Newtrali wkoll, imma f'każ li għal din il-Kariga ċ-ċirkustanzi ma jkunux jippermettu, l-Clubs li jkunu Affiljati, għandhom id-dritt li jagħżlu persuna minn fosthom li tkun eżemplari, ta' ċertu responsabbiltà biex permezz tal-koperazzjoni bejn il-Clubs u l-istess Kaxxier, jinħoloq kontribut tajjeb fl-aħjar interess ta' din l-Għaqda.

e) Dawn it-tlett Karigi ta' President, Segretarju u Kaxxier, jistgħu jiġu nominati mill-Clubs li jkunu diġa affiljati f'kull l-aħħar Staġun Kalċistiku, fuq il-FORM (A) li tiġi pprovduta minn din l-Għaqda. U l-istess żewġ karigi jisgħu jiġu okkupati biss, permezz ta' approvazzjoni minn żewġ terzi (2/3) mill-membri (Delegati tal-Clubs) li jkunu preżenti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill li jsir skont Rule 26/C u D.

## ĦATRA TA' COUNCIL MEMBERS FIL-KUNSILL TAL-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

### 9. MEMBRI FIL-KUNSILL TAL-MFA

a) Il-Clubs ta' din l-Għaqda huma fid-dover li meta l-Clubs Affiljati jiċievu ċ-ċirkolari tal-Laqgħa Ġenetrali Annwali ta' din l-Għaqda, li skont Rule26 C u D, jkunu jistgħu jipproponu persuna waħda, biex tkun Membru fil-Kunsill tal-MFA fuq il-FORM (AA).

b) Kull Club li jkun ikkonċernat minn din in-Nomina, ikun fid-dover li jagħmel għażla tajba biex ikun ta' unur għall-Għaqda Ġenerali.

c) Kull persuna li tiġi magħżula minn xi Clubs u, wara tkun trid tiġi approvata mill-Kunsill ta' din l-Għaqda, tkun meħtieġa li tattendi regolari u li tkun ta' eżempju fil-Kunsill tal-MFA, u li l-Għaqda tiġi infurmata tajjeb bil-proċess kollu li jkun qed jitwettaq fl-MFA, permezz ta' kordinazzjoni vice versa.

d) F'każ li jkun hemm aktar minn żewġ nomini għal din il-missjoni, għandha ssir Elezzjoni sigrieta.

## ĦATRA TA' TLIET DELEGATI TAL-I.A.S.C

### 10. ID-DOVER TAL-CLUBS U L-MISSJONI TAD-DELEGATI

a) Kull Club ta' din l-Għaqda, jista' jinnomina xi persuna li tkun f'Kumitat ta' Club ieħor u li tkun skont Rule 51 tal-iStatut tal-Għaqda. Il-Club ikkonċernat huma rakkomandat, biex jagħmel Nomina xierqa ta' dak id-delegat biex tista' tkun ta' ġid, speċjalment li jiġu żgur osservati l-ħtiġijiet tal-Għaqda l-ewwel u qabel kollox.

b) Qiegħed jiġi mfakkar, li l-Missjoni ta' delegat hija ta' importanza kbira speċjalment f'ċertu laqgħat ma' Dipartimenti tal-Gvern, ma' Ditti u ma' ħafna materji tal-MFA li dan kollu jkun ifisser, li hija ta' importanza l-presenza tal-istess Delegat f'dan ir-rigward kollu.

c) Peress li r-Rule tal-MFA jgħid, "Li għandu jkun hemm żewġ substitutes ukoll" dawn għandhom jiġu magħżula waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill tal-I.A.S.C. mill Membri preżenti.

d) In-Nominiazzjoni ta' Delegat għandha ssir fuq il-FORM (B) ta' din l-Għaqda u f'każ li jkun hemm aktar minn Nomina waħda għal din il-Missjoni, għandha ssir elezzjoni sigrieta.

## ĦATRIET

### 11. ĦATRA TAL-MEMBRI ONORARJI

a) Il-Clubs jistgħu jinnominaw Membri Onorarji bħal Konsulenti Legali tal-Mediċina, Diretturi Spiritwali u Segretarju għall-istampa għal din l-Organizzazzjoni, imma m'għandhomx awtorità fl-Amministrazzjoni ġenerali, iżda biss fil-qasam ta' pariri għall-Organizzazzjoni li l-istess Membri tal-iSTEERING COMMITTEE jirriservaw id-dritt li ma jaċċettaw l-ebda parir.

b) Dawn il-Karigi kollha li qegħdin jidhru fir-Rule 11/A, jistgħu jiġu nominati mill-Clubs li jkunu Affiljati f'kull l-aħħar Staġun Kalċistiku fuq il-FORM (BB) li tiġi provduta minn din l-Għaqda u, li jridu jiġu approvati permezz ta' maġġoranza komuni fl-istess Laqgħa Ġenerali Annwali.

## 12. AWDITURI

a) F'kull Laqgħa Ġenerali Annwali, għandhom jiġu maħtura wkoll żewġ Awdituri, biex dawn ikunu jistgħu jinvestigaw kull Dokument Finanzjarju, u jiffirmaw il-Balance SHEET ta' din l-Għaqda. Il-Kunsill tal-I.A.S.C. għandu dritt li jiddeċiedi l-mod ta' kif dawn l-Awdituri, jekk jintgħażlux minn fost id-Delegati tal-Clubs, jew min xi Membri Newtrali.

b) Dawn l-Awdituri jistgħu jiġu nominati mill-Clubs fuq il-FORM (BB) li tiġi provduta minn din l-Għaqda, u jridu jiġu approvati permezz ta' maġġoranza fl-istess Laqgħa Ġenerali.

# DIMISSJONIJIET – OBBLIGI TAL-MEMBRI UFFIĊJALI EZEKUTTIVI

## 13. DIMISSJONI

a) Kull Membru Uffiċjali Ezekuttiv, li jiġi biex jirriżenja mil-kariga tiegħu qabel iż-żmien, (dan ir-Rule huwa referenza għal kariga ta' President, Segretarju u Kaxxier biss) ikun fid-dover li jkompli jmexxi sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il ġurnata mid-Data li tiġi aċċettata r-riżenja tiegħu, mill-isteering Committee ta' din l-Għaqda.

b) U wara li tiġi aċċettata r-riżenja mill-isteering Committee, il-Persuna kkonċernata tkun fid-dover li tirritorna l-possedimenti kollha bl-aħjar rispett lill-Membri tal-Isteering Committee fl-aħħar żmien possibli biex ikun faċli għaż-żewġ naħat, biex jiġi mwettaq kollox kif jixraq.

## 14. OBBLIGI TA' WARA R-RIŻENJA

a) F'każ li r-riżenja tkun tal-President, is-Segretarju bi ftehim mal-Membri tal-iSteering Committee, għandu jsejjaħ Seduta Straordinarja mill-aktar fis possibli, biex jiġi nfurmat il-Kunsill bir-riżenja, biex tiġi maħtura Persuna Newtrali ġdida biex tokkupa l-kariga ta' President ġdid tal-Inter Amateur Soccer Competition.

b) F'każ li r-riżenja tkun tas-Segretarju, il-President ta' din l-Għaqda, bi fethim mal-iSteering Committee, għandu jassumi l-kariga tas-Segretarjat ukoll, sakemm jiġi biex jispiċċa l-iStaġun kurrenti, imbagħad għandu jsir skont ir-Rule 17 u 18.

c) F'każ li r-riżenja tkun tal-Kaxxier, il-President ta' din l-Għaqda, bi fethim mal-iSteering Committee, għandu jassumi l-kariga tal-finanzi ukoll, sakemm jiġi biex jispiċċa l-iStaġun kurrenti, imbagħad għandu jsir skont ir-Rule 17 u 18.

## F’KAŻ TA’ RIŻENJA TAL-PRESIDENT, TAS-SEGRETARJU U Il-KAXXIER F’DAQQA

### 15. IR-RIŻENJA

Jekk xi darba jinqala’ l-każ li l-President, is-Segretarju u il-Kaxxier ta’ din l-Għaqda, jirriżenjaw flimkien, ikun meħtieġ, li l-iSteering Committee ta’ din l-Għaqda, bl-aħjar rispett u bl-umiltà kollha, l-ewwe għandu jiġi studjat sewwa, x’kienu ċ-ċirkostanzi tar-riżenji, u wara, jkun meħtieġ li ssir Lagħa bejn iż-żewġ partijiet biex permezz tal-maturità jista’ jintlaħaq ftehim skont l-istess Missjoni Sportiva.

### 16. LAQGĦA TA’ MEDJAZZJONI

Huwa fatt, li kultant f’kull Għaqda, immaterjali xi tkun qed tippreżenta, jista’ jinħoloq xi ftit ta’ inkwiet intern, li jista’ jkun ta’ dannu kbir għall-Għaqda ukoll. Għaldaqstant, l-iSteering Committee jkun fid-dover li ż-żewġ Membri uffiċjali jirċievu l-aħjar importanza, l-aktar jekk l-istess riżenji ma kienux personali, anzi setgħu kienu xi nuqqasijiet f’xi parti tal-Amministrazzjoni ta’ din l-Għaqda.

### 17. OBBLIGI TAL-ISTEERING COMMITTEE

Jekk wara li jkunu saru ħafna tentattivi mil-iSteering Committee, imma sfortunatament ir-riżenji baqgħu hemm, l-iSteering Committee għandu jsejjaħ Laqgħa staordinarja tal-Kunsill ta’ din l-Għaqda, biex jiġi spjegat lill-Membri tal-Kunsill bir-reżenji u b’dak kollu li ġara u li ntqal, bejn it-tlett Membri Evekuttivi u l-Membri tal-iSteering Committe.

### 18. ĦTIĠIJIET PRIMARJI

F’każ li din l-Għaqda tiġi fil-bżonn ta’ Tlett Membri Ezekuttivi ġodda, huwa rakkomandat, li l-ewwel għandu jkun hemm il-fiduċja fl-iSteering Committee tal-Kunsill ta’ din l-Għaqda, biex forsi jkunu jista’ javviċina xi persuna kif jixraq, u jekk dan jirnexxi wara jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Imma jekk l-iSteering Committee ma jirnexxilux li jsib xi persuna, għandu jsir avviż fil-gazzetti lokali kollha.

### 19. RIŻENJA MILL-MEMBRI ONORARJI

Il-Membri Onorarji kollha msemmija fir-Regolament 11, jistgħu jirriżenjaw minn din l-Organizzazzjoni skont il-ħtieġa tagħhom, permezz ta’ notifikazzjoni mibgħuta lis-Segretarju, u li kull minn jirriżenja minnhom ma għandu l-ebda obbligu lejn jew mill-I.A.S.C. għas servizz li jkun ta. Is-Segretarju għandu jgħarraf lill-Kunsill Ġenerali bir-riżenja ta’ kull Membru Onorarju fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

## VOT TA' SFIDUĊJA

### 20. PROĊEDURA GĦALL-MEMBRI UFFIĊJALI EZEKUTTIVI

a) Fil-każ li jgħaddi VOT ta' sfiduċja lill-Membri Ezekuttivi kollha jew li xi wieħed minnhom, dawn huma fid-dmir li jkomplu jmexxu lill-Għaqda skont ir-regolament 14 (A), (B) u (C) skont kif ikunu applikabbli.

b) Il-Membri Uffiċjali Ezekuttivi kollha jew wieħed minnhom, ma jibqax/jibqgħux responsabbli mill-possedimenti kollha tal-I.A.S.C., jekk jilħqu jiskorru ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tal-vot ta'sfiduċja mill-Kunsill.

c) Il-Membri tal-Kunsill (Delegat ta' kull club) huma responsabbli li jinnominaw u japprovaw Membru jew Membri oħra skond kif ikun applikabbli, biex jintew il-post/postijiet vakanti (ikkaġunati skont ir-regolament 15 jew 20 rispettivament).

d) Jekk il-Clubs ma jinnominawx, il-Membri Uffiċjali Ezekuttivi li jista' jkun baqa' fl-Għaqda, jista'/jistgħu, jintroduċu huma, membri oħra skond il-ħtieġa.

## ID-DMIRIJIET TAL-MEMBRI UFFIĊJALI EZEKUTTIVI

### 21. PRESIDENT

a) Il-President għandu jkollu s-setgħa li jippresiedi fil-laqgħat kollha li jsiru tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali ta' din l-Għaqda.

b) Li jimxi skont ir-Regolamenti u l-iStanding Orders kollha ta' din l-Għaqda

c) Li jiffirma l-Minuti kollha tal-Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali bħala ċertifikat ta' dak li jkun intqal u għadda fil-laqgħat rispettivi.

d) Jista' kull meta jidhirlu jew iħoss il-ħtieġa, jara l-kotba u d-dokumenti kollha li jappartjenu lill-I.A.S.C., u li jkunu miżmuma mill-Membri Uffiċjali l-oħra.

e) Jordna li jinħolqu fost il-Membri Uffiċjali l-oħra, Kummissjonijiet (li tagħhom huwa jista' jkun membru wkoll), u li jara u jkun jaf bir-riżultat tal-istess Kummissjonijiet.

f) Jista' jsejjaħ laqgħat kemm tal-Kumitat Eżekuttiv u kemm tal-Kunsill Ġenerali ta' din l-Għaqda kull meta jinħass il-bżonn.

## 22. SEGRETARJU

a) Is-Segretarju għandu jkun imdaħħal f'kull Kummissjoni li tiġi ffurmata u jkun Segretarju (ex ufficio) ta' kull kumitat, Bord u jew tal-istess Kummissjonijiet u Bords b'eċċezzjoni għal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

b) Jista' jsejjaħ laqgħat kemm tal-Kumitat Eżekuttiv u kemm tal-Kunsill Ġenerali skont il-ħtieġa, u wara li jkun ikkonsultat mill-President.

c) Iżomm il-MINUTI tal-laqgħat kollha tal-Kunitat Eżekuttiv u tal-Kunsill Ġenerali.

d) Jieħu l-kariga tal-korrispondenza kollha li tiġi mibgħuta lill-Kumitat Eżekuttiv jew lill-I.A.S.C. inġenerali, u viċi versa. Jipproduċi l-korrispondenza kollha lill-Kumitat Eżekuttiv, u lill-Kunsill Ġenerali sa fejn din tkun tappartjeni lilu wara konsultazzjoni mal-Kumitat Eżekuttiv.

e) Iżomm rekord ta':
   i. Reġistrazzjoni tal-plejers
   ii. Tal-logħbiet għall-kompetizzjonijiet kollha
   iii. Tal-plejers li kunu dehru quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jew quddiem il-Kunsill
   iv. Tal-Membri tal-Kumitat tal-Clubs jew Clubs li jkunu dehru quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jew quddiem il-Kunsill
   v. Tal-plejers li jisgħu jiġu jew ġew magħżula biex jirrapreżentaw lill-din l-Għaqda (skont il-ħtieġa)
   vi. Dokumenti, files, formoli u affarjiet oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' din l-Organizzazzjoni jew li din l-Organizzazzjoni tkun teħtieġ.

f) Jippreżenta Rapporta Amministrattiv fil-Laqgħa Ġenerali Annwali

g) Jibqa' jmexxi lill-I.A.S.C. bħala 'ad Hoc' meta jispiċċa l-istaġun kurrenti issir l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-istaġun segwenti.

## 23. KAXXIER

a) Il-Kaxxier għandu jkun responsabbli għad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi kollha ta' din l-Organizzazzjoni

b) Jorganizza mezzi biex ikabbar kemm jista' jkun possibbli l-fondi ta' din l-Għaqda

c) Għandu jżomm regolari l-kotba tal-Accounts kollha li fihom iżomm ir-rekords tad-dħul u l-ħruġ (bir-riċevuti fejn dawn huma possibbli) ta' din l-Għaqda u li dawn l-Accounts għandhom jinżammu Up-to-Date fejn jistgħu jiġu mitluba biex jintwerew quddiem il-Kumitat jew Kunsill għal verifika tal-finanzi

d) Jippreżenta fil-Kunsill Ġenerali mill-inqas rendikonti:
   i. Wieħed li jkun sa l-aħħar taħ Diċembru ta' kull sena u
   ii. Ieħor fl-aħħar tal-istaġun (għall-istaġun kollu) biex jinqara' fil-Laqgħa Ġenerali Annwali

e) Jista' jonfoq skont il-bżonnijiet ta' din l-Għaqda u jgħarraf b'dak li jkun nefaq lill-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv fl-ewwel Laqgħa tagħhom.

f) Huwa responsabbli għax xiri tat-Tazzi u Midalji tal-Kompetizzjonijiet kollha li jkunu mmexxija minn din l-Għaqda, b'konsultazzjoni mas-Segretarju jew mal-President

g) Li jieħu ħsieb it-Tazzi tal-Unuri kollha ta' din l-Għaqda

### 24. IL-V/PRESIDENT, A/SEGRETARJU U A/KAXXIER

a) Dawn jiġu mogħtija xogħol skont kif ikun jidhrilhom il-President, Segretarju u Kaxxier, u jassistu magħhom skont il-ħtieġa għall-effiċjenza tal-Għaqda.

b) Jistgħu jiġu magħżula biex jiffurmaw Kumitati, Bords jew Kummissjonijiet, ċioè jistgħu jiġu maħtura Chairman tal-istess Kumitati, Bords u Kummissjonijiet.

## LAQGĦAT TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV U TAL-KUNSILL ĠENERALI

### 25. LAQGĦAT TAL-EŻEKUTTIV

a) Il-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom isiru skont l-esiġenzi u l-bżonn tal-Għaqda. Dawn għandhom jiġu mgħajta mis-Segretarju jew mill-President wara konsultazzjoni bejniethom, mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem mill-ġurnata li tkun se tissejjaħ l-istess Laqgħa, u mhux inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa fil-każ ta' urġenza.

b) Jekk xi membru tal-Eżekuttiv ma jkunx jista' jattendi għal xi Laqgħa tal-istess Kumitat, dan għandu jgħarraf lis-Segretarju jew lil-President fl-assenza tiegħu qabel ma tkun se ssir il-Laqgħa.

### 26. LAQGĦAT TAL-KUNSILL ĠENERALI

a) Il-Laqgħat tal-Kunsill Ġenerali ta' din l-Għaqda għandhom isiru skont l-esiġenzi ta' din l-Għaqda, il-ġurnata għandha tkun il-ĠIMGĦA, u l-ħin ikun fis-6.30p.m. iżda l-Membri Uffiċjali Ezekuttivi jirriservaw id-dritt, li jistgħu kull meta jinħass il-bżonn, il-ġurnata magħżula trid tinbidel.

b) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill ta' din l-Għaqda għall-FTUĦ tal-iStaġun, għandha ssir fl-Ewwel Ġimgħa ta' Settembru, ta' kull Staġun kurrenti. U, fost l-affarjiet l-oħra li jista' jkun hemm fl-istess Aġenda tal-Ftuħ tal-iStaġun Kalċistiku, għandu jkun hemm l-Apporvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv u Finanzjarju tal-iStaġun preċedenti.

c) Il-Laqgħa Ġenerali tal-Kunsill ta' din l-Għaqda għall-Għeluq tal-iStaġun Kalċistiku, għandha ssir sa mhxu aktar tard mill-25 ta' Gunju (Kif stipulat mill-iStatut ta' l-MFA) u fost affarijiet l-oħra, li jista' jkun hemm fl-istess Aġenda, għandu jkun hemm dawn l-items.
   i. Ħatra ta' President
   ii. Ħatra ta' Segretarju
   iii. Ħatra ta' Kaxxier
   iv. Ħatra ta' STEERING COMMITTEE
   v. Ħatra tal-Membri Onorarji tal-I.A.S.C – Rule 15
   vi. Ħatra ta' żewġ Awdituri skont Rule 16
   vii. Ħatra ta' żewġ Council Membri – MFA Rule 42
   viii. Ħatra ta' tliet Delegati – MFA rule 119

**MFA STATUTE**
**ANNUAL GENERAL MEETINGS OF MEMBERS ASSOCIATIONS – RULE 117**

i. Member Associations must hold an Annual General Meeting. This Meeting shall be held by not later than the 25 June of each year.

ii. The MFA must be informed in writing by the Member Association concerned, at least 15 days prior to the holding of its General Meeting, with regards to the DATE, TIME, VENUE and Agenda. If such a notice is not given, the Council of the MFA may deem such an Annual General Meeting invalid.

iii. The MFA shall have the right to send its Representative to attend the Annual General Meeting of a Member Association.

**27. ATTENDENZA GĦALL-LAQGĦAT MEMBRI UFFIĊJALI EZEKUTTIVI JEW MEMBRI TAL-ISTEERING COMMITTEE**

a) Kull Membru Ezekuttiv jew kull Membru li jkun fl-iSteering Committee, li flimkien jiffurmaw il-Kumitat Eżekuttiv, għandhom jattendu għall-Laqgħat kollha, kemm tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll għall-Laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

b) Kull Membru Ezekuttiv jew kull Membru li jkun fl-iSteering Committee ma jattendiex għall-Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv għal tliet darbiet konsekuttivi, jew li ma jibgħatx raġuni ġusta, jaqa' taħt il-miżuri li jistgħu jieħdu l-Membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv.

c) Id-Delegati tal-Clubs li huma skont Redolament 7 A, B, C, u D, li jiffurmaw il-Kunsill ta' din l-Għaqda għandhom jattendu għall-Laqgħat tal-Kunsill u fil-ħin, skont kif ikun stipulat fuq l-aġenda.

d) Dawk il-Clubs li ma jattendux għal kull Laqgħa tal-Kunsill, jew li l-Club jonqos li jinnomina Delegat mit-tliet Delegati li jkunu skont Regolament 7 B u C biex jattendu għall-Laqgħat tal-Kunsill, il-Club jiġi mmultat €15.00 kull darba.

## 28. IL-PROĊEDURA TAL-LAQGĦAT KOLLHA

Il-Laqgħat kollha, kemm tal-Kumitat Eżekuttiv, tal-Kunsill Ġenerali, Kumitati u Bords oħra, għandhom jitmexxew skont kif inhu mniżżel fir-Regolamenti u fl-iStanding Orders ta' din l-Għaqda.

## KUNDIZZJONIJIET TAL-ISTEERING COMMITTEE TAL-INTER AMATEUR SOCCER COMPETITION

## 29. i. IT-TERMINI TAL-ISTEERING COMMITTEE

a) Dan il-Kumitat jibda jissejjaħ 'Steering Committee' u kull fejn hemm il-kelma (Kumitat Eżekuttiv) dan ikun ifisser l-i'Steering Committee'.

b) Dan il-Kumitat għandu jiġi elett fl-aħħar Laqgħa Ġenerali tal-Għeluq ta' kull staġun kalċistiku, u biex jibda jservi matul l-istaġun segwenti.

c) Il-Kumitat li kien jissejjaħ Kumitat Eżekuttiv, nħasset il-ħtieġa li jiġi msejjaħ l-iSteering Committee, bi skop li jkun magħmul bl-inqas Membri u aktar effettivi fl-ATTIVITAJIET ta' din l-Għaqda.

## ii. KOMPOŻŻIZZJONI

a) Minbarra li jkun hemm ħatra ta' President, Segretarju u Kaxxier, għandhom jiġu maħtura mill-inqas erba' Membri ohra minn fost il-Clubs affiljati biex flimkien jiffurmaw l-iSteering Commitee.

b) Kull Membru li jiġi pproponut mill-Klubb tiegħu, biex jieħu sehem fl-iSteering Commitee ta' din l-Għaqda, l-istess Delegat, irid ikun wieħed minn dawk it-tliet Delegati tal-istess Club, ta' dak l-istaġun segwenti u, li jkun skont ir-regoli 51/A u B.

c) F'każ li xi wieħed mill-Membri tal-iSteering Commitee jispiċċa qabel iż-żmien, il-post vakant, għandu jiġi mimli bir-'Runner-Up', u jekk ma jkunx hemm aktar, għandu jintgħażel Membru ieħor mill-Kunsill ta' din l-Għaqda.

**iii. DOVER**

a) Kull Membru ta' kull Kumitat ta' din l-Għaqda, għandu dritt li jagħmel parti mill-iSteering Commitee tal-'Inter Amateur Soccer Competition'.

b) Biex Membru ta' Club, jixtieq li jieħu sehem fl-iSteering Commitee tal-I.A.S.C., irid jimla l-FORM (Q) ta' din l-Għaqda.

c) Din il-FORM (Q) trid tasal għand l-Għaqda, mhux aktar tard minn erbat ijiem mid-Data tas-Seduta Ġenerali tal-Għeluq tal-istaġun Kalċistiku.

**iv. SETGĦAT**

a) Biex tittieħed xi deċiżjoni fuq kull kwalità ta' materja mill-iSteering Commitee jridu jkunu preżenti żewġ Membri u l-President, jew żewġ Membri u s-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda.

b) F'każ li l-iSteering Commitee ma jkunx f'dik l-Laqgħa kostitwit (skont ir-regola 4/A) l-istess Laqgħa ssir f'data oħra, li tkun possibli għall-Membri tal-iSteering Commitee u l-Club eċċ., għandu jiġi nfurmat bit-telefon.

c) F'każ li jkun hemm xi deċiżjoni, li tkun tikkonċerna xi Membru tal-iSteering Commitee, l-istess Membru la jista' jieħu sehem, u anqas li jkun preżenti waqt il-Laqgħa tal-iSteering Commitee.

d) F'każ ta' Membru li jkun fl-iSteering Commitee u l-Club tiegħu eċċ., jkun involut f'xi deċiżjoni, li tkun trid tittieħed mill-iSteering Commitee, il-Club ikkonċernat jkun jista jibgħat Membru ieħor tal-Kumitat, minn dawk il-Membri li jkunu ġew irreġistrati għand l-Għaqda, permezz ta' 'Supplementary Form (F)' biss tar-regola 51/B.

**v. FINANZI**

a) L-iSteering Commitee huwa risponsabbli mill-infieq kollu ta' din l-Għaqda, li jistħarreġ kif il-possidiment tal-Għaqda possibilment jitjieb skont iċ-ċirkustanzi u li ma jistax isir infieq ta' flus f'daqqa, ta' aktar minn €500.00.

b) Jekk xi darba l-iSteering Commitee jkun tal-fehma li din l-Għaqda tkun fil-bżonn ta' xi nfieq jew ħlas eċċ., u li jkun ta' aktar milli huwa stipulat f'Rule 5/A, għandha tissejjaħ Seduta Straordinarja tal-Kunsill ta' din l-Għaqda skont ir-regola 1/B tal-iStanding Orders tal-I.A.S.C.

**vi. AFFILLJAZZJONI TA' KLUBBS ĠODDA**

Il-Membri tal-iSteering Commitee, li jkunu qegħdin iwettqu d-doveri tagħhom permezz tal-fiduċja tal-Kunsill Ġenerali, jkunu jistgħu jagħżlu Clubs ġodda, kull meta jkun hemm bżonn, imma dejjem skont it-termini tal-iStatut ta' din l-Għaqda.

**vii. DEĊIŻJONIJIET**

a) L-iSteering Commitee jkun jista' jwaqqaf il-parteċipazzjoni ta' Club, Membru ta' Kumitat jew plejer eċċ., għal dejjem, jista juża kull kwalità ta' sospensjoni, jista jimponi multi u jkunu jridu jitħallsu skont ir-regoli 131 u 132 tal-Istatut ta' din l-Għaqda.

b) Kull deċiżjoni li jieħu l-iSteering Commitee, fuq Club, Membru ta' Kumitat jew plejer eċċ., huma kollha finali, u mhux (APPELLABLI) quddiem il-Kunsill tal-'Inter Amateur Soccer Competition'.

**viii. TREĠIJA**

a) L-iSteering Commitee huwa risponsabbli mill-Attivitajiet kollha ta' din l-Għaqda, b'mod l-aktar speċjali għandu josserva r-regola 114, ta' din l-Għaqda, huwa fid-dover ukoll li jsaħħah ir-Regolamenti u kull proċedura eżistenti skont il-bżonn taċ-ċirkustanzi.

b) Il-Laqgħat tad-Dixxiplina ta' din l-Għaqda jekk ikun possibli għandhom isiru fl-Uffiċju tal-ground waqt li l-logħob ta' din l-Għaqda u skont ir-regola 115/2 imma kull kwalità ta' laqgħa tista' ssir ukoll f'kull post ieħor li jkun skont il-fehma tal-membri tal-iSteering Commitee.

**ix. IL-LOKAL TAL-ORGANIŻŻAZZJONI GĦALL-KUNSILL U BOARDS EĊĊ.**

a) Il-Lokal (POST) tal-I.A.S.C., jew fejn jiltaqa'l-Kunsill jew Boards eċċ., għandu jkun kull Lokal li jiġi magħżul mill-President jew mis-Segretarju.

**GĦALL-ISTEERING COMMITEE**

b) Il-Lokal (POST) ta' fejn jiltaqa' l-iSteering Commitee ta' din l-Għaqda, għandu jkun il-post li jiġi magħżul mill-President jew mis-Segretarju.

**REFEREES U ASST. REFEREES TAL-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION**

**30. IL-KONTROLL TAL-LOGĦOB KOLLU TA' DIN L-għaqda**

Il-logħob kompetittiv kollu ta' din l-Għaqda, jew li jiġi organiżżat mill-I.A.S.C., għandu jiġi kkontrollat biss, minn Ufiċċjali (REFEREES U ASST. REFEREES) li jkunu afflijati mal-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION.

**31. MINN KEMM TISTA TIĠI KKONTROLLATA PARTITA TA' DIN L-GĦAQDA**

Kull partita kompetittiva jew ta' xorta oħra ta' din l-Għaqda rrispettivament il-kwalità (EVENT), tista tiġi kkontrollata minn Uffiċjal wieħed biss tal-M.F.A., u d-deċiżjonijiet tiegħu kollha huma finali.

**32. MHUX AĊĊETTATA MINN XI PERSUNA OĦRA**

F'każ li xi darba l-Membri tar-Referees ma jkunux kostitwiti, il-partita għandha tiġi kkontrollata miż-żewġ Uffiċjali jew minn Uffiċjal wieħed biss, li jkunu preżenti għal dik l-(EVENT), u l-ebda persuna oħra, m'għandha tiġi aċċettata.

**33. L-APPUNTAMENTI TAR-REFEREES U ASST. REFEREES**

L-appuntamenti tal-Uffiċjali (Referees) kollha tal-Malta Football Association, biex jikkontrollaw il-logħob kollu ta' din l-Għaqda, għandhom jkunu fdati biss, f'idejn dak l-Uffiċjal li jkun ġie nominat mill-Malta Football Association.

**34. NUQQAS TA' REFEREES TAL-M.F.R.A**

Jekk xi darba l-Malta Football Association, tkun f'ċirkustanzi ta' nuqqas ta' Uffiċjali (REFEREES) u ma jkunux possibli, li l-Members Association jużaw il-Membri tal-M.F.A., l-iSteering Commitee ta' din l-Għaqda, jkun fid-dover li jsejjaħ Laqgħa tal-Kunsill, biex jinstab xi rimedju skont il-bżonn.

**35. REFEREES SKONT IĊ-ĊIRKUSTANZI**

F'każ li l-Malta Football Association tinforma lil din l-Għaqda bin-nuqqas tar-Referees u l-Għaqda tal-Inter Amateur Soccer Competition, wara li tkun għamlet il-Laqgħa tal-Kunsill u ttieħdet xi deċiżjoni rigward min ser jkunu r-Referees, l-Għaqda tal-I.A.S.C., tkun fid-dover li ssegwi ir-REGOLAMENT SEGWENTI.

## 36. KUNSULTAZZJONI – RISPETT U MATURITÀ

Meta' tkun ttieħdet id-deċiżjoni fil-Laqgħa tal-Kunsill ta' din l-Għaqda, li l-istess Laqgħa tkun ġiet mgħajta għal tal-apposta skont ir-Regola 34 u bl-Aġenda 'Ir-Referees ta' din l-Għaqda' il-Kunsill tal-I.A.S.C. għandu jseqwi il-punti segwenti:

a) Li d-deċiżjoni li tkun ttieħdet fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-I.A.S.C. li kienet ġiet mgħajta apposta rigward il-Membri l-ġodda (REFEREES), l-istess deċiżjoni għandha tinżamm sigrieta temporarjament.

b) Il-Kunsill tal-I.A.S.C., wara li jkun ħa d-deċiżjoni f'dik il-laqgħa, dejjem rigward ir-Referees il-ġodda, għandu jaħtar Kummissjoni li tkun immaterjali jekk il-Membri tal-Kummissjoni jkunux minn tal-iSteering Commitee jew parti minnhom.

c) Meta jinħatru l-Membri tal-Kummissjoni tal-I.A.S.C. għandha tikteb lill-M.F.A., bid-deċiżjoni li jkun ħa il-Kunsill tal-I.A.S.C., dejjem rigward min sejrin jkunu r-Referees il-ġodda biex wara xi Laqgħa bejn l-M.F.A. u l-I.A.S.C. jew permezz ta' xi korrispondenza, tiġi stabbilita l-approvazzjoni tal-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION.

## AFFILJAZZJONI U KUNDIZZJONIJIET TAL-CLUBS

## 38. IL-MOD TA' KIF JIĠU AFFILJATI L-CLUBS IL-QODMA

a) Il-Clubs il-qodma jiġu nfurmati, biex fl-Aħħar Seduta Generali tal-Għeluq tal-Istaġun, (PERMEZZ TA' ĊIRKULARI) jħallsu l-Affiljazzjoni tal-Istaġun segwenti, qabel il-ftuħ tal-istess Seduta.

b) Kull Club li ma jkunx preżenti f'dik is-Seduta, li qed tidher f'Regola 38A, minn barra li jkun irid iħallas il-Multa ta' €15.00, skont ir-Regola 27E, biex jerġa' jaffilja ma' din l-Għaqda, ikun irid jerġa' japplika u jħallas l-Affiljazzjoni doppja skont kif tkun l-Affiljazzjoni tal-Clubs l-Oħra f'dak l-Istaġun.

## 39. IL-MOD TA' KIF JIĠU AFFILJATI L-CLUBS IL-ĠODDA

a) Permezz tat-Treġija, jsir avviż fil-Ġurnali kollha, biex l-Għaqda tal-I.A.S.C., tirċievi Applikazzjonijiet għall-Affiljazzjoni ta' Clubs ma' din l-Għaqda.

b) L-ewwel jiġu affiljati l-Clubs li kienu diġà f'din l-Għaqda, (IMMA JEKK JAPPLIKAW) imbagħad jiġu aċċettati l-Clubs ġodda minn postijiet li din l-Għaqda ma jkunx diġà għandha.

c) Fil-każ li r-Regola 39B, ma jkunx jista' jiġi mħaddem, il-Clubs il-ġodda li applikaw biex jaffiljaw ma' din l-Għaqda, li jkunu minn postijiet li diġà jeżistu fl-Għaqda, għandhom jiġu kkunsidrati l-aħħar fuq il-FORM (C).

## 40. KUNDIZZJONIJIET U ĦLASIJIET

a) Kull Club li jkun affiljat ma' din l-Għaqda, jrid iħallas somma ta' flus (SKONT KIF DEĊIŻ MILL-KUNSILL) FL-AĦĦAR Laqgħa Ġenerali tal-Għeluq tal-Istaġun, bħala Affiljazzjoni għall-Istaġun segwenti.

b) Kull Club ġdid, li jiġi aċċettat biex jaffilja ma' din l-Għaqda, jew kull Club li jkun Assenti fl-Aħħar Laqgħa Ġenerali tal-Għeluq tal-Istaġun, ikun irid iħallas l-ewwel Affiljazzjoni DOPPJA, skont kif ikun l-Affiljazzjoni tal-Clubs l-Oħra f'dak l-Istaġun.

c) Id-dħul tal-Affiljazzjoni eċċ., għandu jservi biex il-Kumitat Eżekuttiv ikollu l-mezzi possibbli għall-bżonnijiet kollha li jkun jinħtiġilha l-Għaqda tal-Inter Amateur Soccer Competition.

## 41. KUNDIZZJONIJIET

Kull Club li jkun aċċettat f'din l-Organiżżazzjoni jkun suġġett, għar-Regolamenti kollha ta' din l-Għaqda, ir-Regolamenti tal-logħba tal-Football, u ma' dawk ir-Regolamenti kollha, li din l-Għaqda jidhrilha li taghmel minn żmien għall-ieħor. U li kull Club permezz tal-PRESIDENT, SEGRETARJU jew KAXXIER ikun responsabbli minn kull kwalità ta' ħlas, li l-Club tiegħu jista' jkollu mal-Għaqda skont FORM (M).

## 42. ĦRUĠ TA' CLUBS MINN DIN L-GĦAQDA

a) L-ebda Club ma jista' joħroġ minn din l-Għaqda matul l-Istaġun, mingħajr ma japplika bil-miktub, għall-kunsens tal-Kunsill. Sakemm il-Kunsill ma jkunx għadu tal-kunsens tiegħu , l-istess Club jibqa' Membru u anki suġġett għal dak kollu li titlob minnu din l-Għaqda.

b) Meta Club jiġi mogħti l-kunsens tal-Kunsill biex joħroġ minn din l-Organizzazzjoni, l-istess Club jitlef il-ħlas tal-Affiljazzjoni, u dawk id-drittijiet kollha li kellu bħala Membru

## 43. CLUBS JOĦORĠU MINN DIN L-GĦAQDA

a) Kull Club li joħroġ minn din l-Għaqda skont r-Regola 42(B) jew li jiġi mneħħi b'passi Dixxiplinarji, minbarra li jitlef il-ħlasijiet kollha semmija fir-Regola 42(B) ikun suġġett ukoll, li jħallas il-kontijiet li jkollu b'lura ma' din l-Għaqda.

b) U l-istess Club jista' jkollu ħlasijiet oħra, li jimponilu l-Kunsill, jew il-Board tad-Dixxiplina, u jekk il-Club ikkonċernat ma josservax din r-Regola għandhom jittieħdu PASSI LEGALI.

## 44. KRITIKA U ARTIKOLI

L-ebda Membru ta' Kumitat ta' Club li jkun affiljat f'din l-Organiżżazzjoni jew plejers, jew uffiċjali oħra tal-istess Club ma jistgħu jiktbu xi kritika jew artikoli, kemm favur jew kontra, fuq din l-Organiżżazzjoni jew xi kritika jew artikoli fuq Membri tal-kumitat, plejers jew uffiċjali ta' Club ieħor li jkun affiljat f'din l-Għaqda, jew lill-Uffiċjali Newtrali kollha, mingħajr qabel jingħata l-kunsens tal-Kumitat Eżekuttiv bil-miktub. Min jikser dan ir-Regolament jeħel multa ta' mhux anqas minn €25.00.

## 45. PUBLIKAZZJONI FIL-ĠURNALI etc...

L-ebda Club, Membru ta' Club jew plejer ma jista' jippublika fil-ġurnali jew li jxandar jew b'mod ieħor, parti jew kollha, l-korrispondenza li jkun hemm bejn din l-Organiżżazzjoni u, jew il-Club, Membru jew plejers, jew xi korrispondenza li tkun tikkritika jew inkella li tfaħħar lil din l-Għaqda. Dak il-Club, Membru jew plejer li jonqos minn dan ir-Regolament, għandu jeħel multa ta €50.00.

## 46. PRODUZZJONI TA' DOKUMENTI, EĊĊ

Il-Kumitat Eżekuttiv jew il-Kunsill Ġenerali għandu s-setgħa li jitlob lill-Club jew plejer biex jipproduċi dokumenti, kotba, rendikont jew evidenzi rispettivament, skont il-bżonn li kemm il-Kumitat Eżekuttiv u, jew il-Kunsill jidhirlu.

## 47. REGOLAMENTI

a) Il-Clubs huma responsabbli li jkollhom kopja tar-Regolamenti tal-I.A.S.C., u kotba oħra li dan l-Istatut jirreferi għalihom, u għandhom jinzammu mill-istess Clubs għall-informazzjoni tal-Membri tal-Kumitat, Plejers u Supporters tagħhom. L-ebda skuża ma tiġi aċċettata mill-Kumitat Eżekuttiv jew mil-Kunsill Ġenerali għal ksur ta' dawn ir-Regolamenti jew ir-Regolamenti tal-Logħba tal-Football minħabba n-nuqqas li l-Clubs jieħdu biex ikunu jafuhom.

b) Il-Clubs jistgħu jagħmlu regolamenti għall-Club, plejers u supporters skont il-ħtieġa tagħhom. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu sottomessi għal dawk tal-I.A.S.C., jistgħu jiġu mitluba mill-Kumitat Eżekuttiv f'każ ta' investigazzjoni, jew skont il-ħtieġa, u li r-regolamenti jrid ikun fihom klawsola fejn jingħata d-dritt lill-Membri tal-Kumitat u lill-plejers li jappellaw lill-Inter Amateur Soccer Competition.

## 48. DMIR TA' KULL CLUB

Kull Club huwa fid-dmir li jżomm rikordji tal-finanzi u l-irċevuti kollha. Fl-aħħar tal-istaġun, il-Clubs li jkunu se jibqgħu f'din l-Għaqda għal staġun ieħor, jistgħu jiġu mitluba mill-Kumitat Eżekuttiv biex jibgħatu kopja tar-rendikont tagħhom lill-I.A.S.C.

**49. LOGĦOB BARRA MINN DAWN IL-GŻEJJER**

Clubs affiljati f'din l-Għaqda u li jiġu mistiedna minn persuni u/jew b'mod ieħor, biex isiefru u jilgħabu barra minn dawn il-Gżejjer, għandhom jinfurmaw lis-Segretarju tal-I.A.S.C., biex wara konsultazzjoni jkun jista' jagħti l-kunsens meħtieġ. Min jonqos minn dan ir-Regolament jeħel multa ta' €35.00

**50. LOGĦOB MILL-CLUBS (FRIENDLY)**

L-ebda Club ma jista' jorganiżża xi kwalità ta' logħba friendly, tournaments, eċċ., qabel ma jinforma lis-Segretarju ta' din l-Għaqda u jagħti l-partikularijiet tal-Club jew Clubs li jkunu se jilgħab/u miegħu. Min jonqos minn dan ir-Regolament jeħel multa ta' €35.00

**51. DELEGATI TAL-CLUBS**

a) Kull Club li jkun affiljat ma' din l-Għaqda, irid jagħżel tliet membri minn fost il-Kumitat tal-istes Club, biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-Laqgħat tal-Kunsill tal-I.A.S.C. skond ir-Regola 27(D). Dawn it-tliet delegati jridu jiġu rreġistrati u l-indirizz ta' fejn tintbagħat il-korrispondenza, fuq il-FORM (F) li trid tasal għand l-Għaqda tal-I.A.S.C. mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull staġun kurrenti.

b) Kull Club jibgħat wkoll, lista tal-Membri tal-Kumitat tiegħu kollha, u kull Club huwa responsabbli li jinforma lis-Segretarju tal-I.A.S.C., kull meta jkun hemm xi tibdil fil-Membri tal-kumitat jew indirizzi tagħhom, eċċ. Fuq is-Supplementary FORM (F) li trid tasal għand l-Għaqda mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull staġun kurrenti. Dak il-Club li jonqos minn xi parti tar-Regolamenti 51 A u B għandu jeħel multa ta' €35.00

**52. BDIL TAL-ISEM TAL-CLUBS**

a) L-ebda Club affiljat ma' din l-Għaqda ma jista' jibdel l-isem tal-Club, jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kunsill u b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3).

b) F'każ ta' Club ta' din l-Għaqda jagħmel talba biex jibdel l-isem tal-Club tiegħu, u din it-talba tiġi approvata mill-Kunsill ta' din l-Għaqda b'maġġoranza ta' żewġ terzi (skont ir-Regola 52 A), il-Club ikkonċernat ikun irid iħallas FEE, daqs kemm tkun il-FEE tal-affiljazzjoni ta' din l-Għaqda f'dak l-istaġun.

c) Kull Club ta' din l-Għaqda ma jistax ikollu aktar minn TEAM wieħed tal-AMATEURS tal-istess livell u jew li jieħu sehem ma xi Għaqda oħra li ma tkunx rikonoxxuta mill-M.F.A. u lanqas l-istess Club ma jista' jippermetti li xi TEAM ieħor li juża l-istess premises. Min jikser dan ir-Regolament, il-Club jispiċċa minn din l-Għaqda immedjatament.

# COMPETITION RULES
## REĠISTRAZZJONI U KUNDIZZJONIJIET TAL-PLEJERS

### 53. AMATEUR PLEJERS

a) Kull Club jista' jirreġistra kull xorta ta' Amateur Plejers li jkunu rreġistrati mal-Malta Football Association jew Organiżżazzjonijiet jew Associations oħra li jkunu konoxxuti mill-istess Malta Football Association, kif wkoll dawk il-plejers li ma jkunu rreġistrati ma' ħadd.

b) Meta Club jkun se jirreġistra plejer li ma jkun rreġistrat ma ħadd, il-plejer jkun jinħtieġ ir-Registration FORM tal-Għaqda, ċertifikat tat-twelid mir-Reġistru Pubbliku u ritratt tal-passaport flimkien mal-M.F.A. Form (E). L-istess plejer jkun jista' jieħu sehem malli dawn id-dokumenti jiġu preżentati lil din l-Għaqda qabel ma tibda l-partita.

### 54. META CLUB JISTA' JIRREĠISTRA PLEJER

Il-Clubs jistgħu jirreġistraw plejers qabel ma tibda l-logħba, u dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom jingħataw lir-Referee qabel ma tibda l-istess logħba, inkella l-plejers ma jkunux eliġibbli li jilgħabu, jekk ir-reġistrazzjonijiet jingħataw wara li tibda l-istess logħba.

### 55. MA' KEMM JISTA' JIRREĠISTRA L-PLEJER

Amateur plejer ma jistax jirreġistra ma' aktar minn Club wieħed li jkun affiljat f'din l-Organiżżazzjoni, fl-istess Staġun.

### 56. LIL MIN JAPPARTJENI L-PLEJER

Fil-każ ta' plejer li jirreġistra ma' aktar minn Club wieħed li jkun affiljat f'din l-Għaqda, il-plejer ikun jappartjeni lill-Club ta' fejn ikun iffirma l-ewwel fuq dik ir-Registrazzjoni li tkun għand l-Għaqda.

### X'JIĠRI MILL-PLEJER U L-CLUB

Dak il-Club li juża l-plejer li jkun diġà rreġistrat ma' Club ieħor ta' din l-Għaqda, il-plejer huwa meqjus illeġibbli u għandu jeħel sena mid-data li jkun ħa sehem mal-aħħar Club, u l-istess Club għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €15.00.

**57. AMATEUR PLEJERS LI JKUNU ĦADU SEHEM MAL-PREMIER JEW FIRST DIVISION**

a) Amateur plejers li jkunu ħadu sehem ma' team tal-PREMIER jew FIRST DIVISION fil-LEAGUE BISS tal-MFA u/jew f'logħob kompetittiv organizzat mill-FIFA u/jew mill-UEFA li huma dawn BISS: WORLD CUP, EUROPEAN NATIONS CUP, CHAMPIONS LEAGUE u EUROPA LEAGUE, ma jistgħux jieħdu sehem fil-Kompetizzjonijiet organizzati minn din l-Għaqda f'kull staġun kurrenti. Dak il-Club li jikser dan ir-Regolament 57/A għandu jitlef il-partita, multa ta' €25 u l-ħlas tar-Regolament 118 ta' din l-Għaqda f'każ ta' protest.

b) Amateur plejers (KOLLHA) li jkunu ħadu sehem ma' team tal-PREMIER jew FIRST DIVISION tal-MFA f'logħobiet bħal Friendlies, Charity matches, ma' xi teamijiet li jkunu qedgħin iżuru Malta, u/jew f'kull kwalità ta' Tournaments, jistgħu jieħdu sehem fil-Kompetizzjonijiet ta' din l-Għaqda.

c) Amateur players li jkunu laghbu fil-PREMIER jew FIRST DIVISION fl-istagun kurrenti u fit-transfer window ta' Jannar jigu ittrasferuti ma' club f'divizjoni ohra tal-MFA jkunu jistghu jilghabu f'din l-ghaqda.

**58. BONA FEDE AMATEUR PLEJERS**

a) Il-Clubs huma responsabbli li jkunu jafu li l-plejers li jirreġistraw huma 'BONA FEDE' Amateur Plejers, li jfisser li l-players huma rreġistrati għand il-Malta Football Association bħala Amateurs u skont id-dikjarazzjoni tal-Formola tar-Registrazzjoni tal-Malta Football Association. L-ebda skuża ma tiġi aċċettata u valida jekk Club jonqos minn dan l-obbligu.

b) Dak il-Club li jirreġistra plejers mhux skont dawn ir-Regolamenti u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-Amateur plejers, il-plejers ma jkunux eliġibbli li jieħdu sehem f'din l-Organiżżazzjoni, u għalhekk ir-Reġistrazzjoni tal-plejers ma' din l-Għaqda ma tkunx 'BONA FEDE'. Il-Club li jagħmel użu minn plejer bi ksur ta' dan ir-Regolament 58 A u B għandu jitlef il-partita, multa ta' €25.00 u l-ħlas tar-Regolament 118 ta' din l-Għaqda f'każ ta' protest.

**TIBDIL TA' MFA PLEJERS STATUS**

c) Jekk Club ta' din l-Għaqda jirreġistra plejer, li fil-bidu tal-istaġun kalċistiku, kien irreġistrat AMATEUR għand il-Malta Football Association, imma wara u fl-istess staġun, il-plejer bidel l-iSTATUS tiegħu u sar NON-AMATEUR, il-Club ikkonċernat li juża l-istess plejer għandu jitlef il-partita, multa ta' €25.00 u l-ħlas tar-Regolament 118 ta' din l-Għaqda f'każ ta' protest.

## 59. NAZZJONALITÀ TAL-PLEJERS

a) Il-Clubs jistgħu jirreġistraw sa mhux aktar minn erba' (4) plejers STRANĠIERI f'kull staġun kurrenti iżda ma' jistgħux jieħdu sehem aktar minn żewġ (2) plejers STRANĠIERI f'kull logħba kompettitiva ta' din l-Għaqda fl-istess ħin. Waqt kull logħba kompettiva, jista jigi mibdul plejer wiehed biss strangier min dawk iz-zewg stangieri fil-ground. Jekk ghal xi raguni club jirregistra aktar minn erba' (4) plejers stangieri, dawn awtomatikament jigu illegibbli biex jilghabu u ghaldaqstant club li jaghmel uzu mill-hames plejer irregistrat jitlef il-loghba u jehel multa ta' €25.00.

b) Kull plejer li ma jkunx imwieled f'Malta, imma jkollu ċ-Ċittadinanza Maltija, ma jibqax aktar ikkunsidrat bħala plejer Stranġier. Iżda biex jieħu sehem f'din l-Għaqda jkun fid-dover idahhal registration gdida flimkien mal-koppja tal-passaport jew certifikat ufficcjali tac-cittadinanza. Dak il-Club li jikser ir-Regola 59 A & B, għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €25.00.

## 60. REGISTRAZZJONIJIET GODDA TA' PLEJERS STANGIERI

Biex plejer STRANĠIER jkun jista' jieħu sehem fil-logħob kompetittiv ta' din l-Għaqda, minn barra ir-Registration ta' din l-Għaqda jkun jinħtieġ ċertifikat tat-twelid jew in-numru tal-passaport, żewġ ritratti tal-passaport u l-FORM E tal-M.F.A. Dawn id-dokumenti jridu jiġu ppreżentati lill-M.F.A. biex wara 60 ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni tal-istess dokumenti, l-M.F.A. tinforma lill-Club ikkonċernat bl-istatus tal-plejer. (Il-club ikkoncernat irid ihallas il-FEE ta' l-MFA biex jinkiseb l-ITC)

## 61. ABBUŻ TAL-INFORMAZZJONI FIR-REĠISTRAZZJONI

F'każ ta' Club li jagħmel użu minn NON-AMATEUR PLEJER, jew minn plejer li ma jkunx irreġistrat ma' din l-Għaqda, bi ksur tar-Regolament 48 tal-M.F.A., jew l-istess Club juża plejer b'xi dikjarazzjoni foloz, il-Club ikkonċernat għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €50.00.

## 62. KUNDIZZJONI TAL-PREŻENTAZZJONI TAR-REGISTRATION

a) Kull plejer Malti jew Stranġier li jkun Amateur u li jkun irreġistrat skont Rule 53 A & B ta' din l-Għaqda biex jieħu sehem fil-logħob kompetittiv ta' din l-Għaqda, mar-REGISTRATION tiegħu, jkun meħtieġ photocopy tal-I.D. Card jew photocopy tal-PASSAPORT, (F'każ li STRANĠIER jew MALTI temporanjament ma jkollhomx l-I.D.).

b) Il-photocopy tal-I.D. Card jew tal-PASSAPORT, trid jkunu ĊARI u li jinqraw inkella r-REGISTRATION ma tiġix aċċettata. U dawn jiġu aċċettati biss, fil-GROUND waqt il-logħob lil dik il-persuna Uffiċjali.

c) Kull REGISTRATION ta' plejer li tiġi ppreżentata lil din l-Għaqda u li tkun skont ir-Regola 62 A & B trid tkun TINQARA TAJJEB, speċjalment l-ISEM, IL-KUNJOM, L-INDIRIZZ kollox (BLOCK LETTERS). Min ikun responsabbli ma jistax jaċċetta anqas REGISTRATION li tkun PHOTOCOPY. U jekk l-istess REGISTRATION li tkun ġiet aċċettata fil-grawnd, imma jekk wara l-logħob fir-REGISTRATION jinstab xi nuqqasijiet fiż-żmien erbat ijiem mid-Data tal-istess, logħob, ir-REGISTRATION għandha terġa' tintbagħat lura lil-Club ikkonċernat b'multa ta' €5.00.

**63. IŻ-ŻMIEN TAL-PREŻENTAZZJONI TAR-REGISTRATION**

Ir-Reġistrazzjonijiet tal-plejers jistgħu jingħataw lil dik il-persuna li tkun responsabbli (skont Regolament 62/C fl-UFFIĊJU tal-grawnd biss). U dawn jiġu aċċettati mill-Għaqda, sal-bidu tal-aħħar logħba tal-League biss, tal-aħħar Diviżjoni li tkun qiegħed tilgħab.

**64. REĠISTRAZZJONIJIET U KUNDIZZJONIJIET TAGĦHOM**

a) F'każ ta' Club li jippreżenta REGISTRATION li tkun skont Rule 62 A/B/C, imma minħabba l-istess REGISTRATION kellha xi nuqqasijiet u ma ġietx aċċettata però u f'każ partikulari ta' meta ma jkunx fadal ħin biex tibda l-partita u jekk in-nuqqasijiet ta' Segretarju tal-Club, għal dan il-għan huma kollha ikkonsidrati bħala TECHNICAL ERRORS u għandha tittieħed din il-proċedura.

b) Jekk xi Club jkun f'ċirkostanzi li jrid jagħmel użu minn dak il-plejer li r-REGISTRATION TIEGĦU ma ġietx aċċettata u l-istess Club jinsisti biex juża' dik ir-REGISTRATION ta' dak il-plejer għal dik il-logħba partikolari l-istess REGISTRATION għandha tiġi aċċettata b'multa ta' €4.50.

c) Għalkemm ir-REGISTRATION, ĠIET AĊĊETTATA b'multa ta' €4.50, ir-REGISTRATION ta' dak il-plejer għandha tiġi meqjusa regolari mill-Għaqda, imma għal żmien ta' erbat (4) ijiem mid-Data li tidħol għand l-Għaqda.

d) Meta jgħaddu l-erbat (4) ijiem ta' skont ir-Regola 64/B b'multa ta' €4.50, u l-Club ikkonċernat ma reġax bagħat REGISTRATION ġdida, il-plejer ma jibqax aktar reġistrat regolari mal-Club.

**65. M.F.A. – P.I.D. & IĊ-ĊIRKOSTANZI**

a) F'każ ta' Club li jippreżenta REGISTRATION bla P.I.D. tal-Malta Football Association, f'xi ċirkostanzi li l-Club ikkonċernat jkun impossibli li ma jkollux is-servizz tal-plejer/s partikulari, ir-Registration/s għandhom jiġu aċċettati u bi ħlas ta' €4.50, għal kull REGISTRATION.

b) Wara il-logħob ta' dik il-Ġurnata li jiġu ppreżentati ir-REGISTRATIONS bla P.I.D., it-Treġija tkun fid-dover li tagħmel kuntatt mal-M.F.A. immedjatament biex titlob l-informazzjoni tar-REGISTRATIONS li ġew aċċettati mit-Treġija li kienu bla P.I.D. tal-M.F.A. skont r-Regola 65/A ta' din l-Għaqda.

c) F'każ li jirriżulta li l-plejers ikkonċernati ma jkunux irreġistrati mal-Malta Football Association dan jkun ifisser li l-Club ikkonċernat kiser ir-Regola 58/A & B tal-Istatut ta' din l-Għaqda, u għandu jitlef il-partita u multa ta' €25.00.

d) Imma jekk xi Club jippreżenta REGISTRATIONS bla P.I.D. tal-Malta Football Association skont ir-Regola 65/A, immedjatament din l-Għaqda titlob lil-M.F.A. rigward l-istess REGISTRATION, u wara jekk jirriżulta lil-plejer/s ikunu NON AMATEUR, dan huwa kontra il-Prinċipju Fondamentali ta' din l-Għaqda. Barra minn hekk dan huwa bi ksur tar-Regola 61 ta' din l-Għaqda fejn il-Club ikkonċernat għandu jitlef il-partita u multa ta' €50.00.

N.B. L-Għaqda qed tinforma li kull meta jkun hemm xi ksur tar-Regola 65C jew D il-Clubs ikkonċernati jiġu nfurmati immedjatament wara l-istess logħob u skont iċ-ċirkostanzi tal-MFA.

### 66. PREŻENTAZZJONI TAL-EWWEL REĠISTRAZZJONIJIET

a) Il-Clubs kollha ta' din l-Għaqda, għandhom jippreżentaw l-ewwel REGISTRATIONS tagħhom qabel il-ftuħ ta' kull staġun kalċistiku, skont id-Diviżjoni ta' kull Club rispettivament kif indikat fl-ewwel laqgha tal-ftuh ta' l-istagun, bejn is-6.15p.m. u s-7.15p.m. Min jonqos minn dan id-dover jeħel multa ta' €15.00, u l-Club ikkonċernat jkun irid jippreżenta r-registrations tieghu siegha qabel l-ewwel FIXTURE tal-istess Club, fl-uffiċċju tal-grawnd waqt il-logħob biss.

b) Kull Club li jkun ippreżenta l-ewwel REGISTRATIONS skont 66A l-istess Club ikun jista' jippreżenta (4) REGISTRATIONS oħra, fl-ewwel Ħadd biss, lil dik il-persuna li tkun responsabbli fl-uffiċċju tal-grawnd waqt il-logħob biss, skont ir-Regola 62 (C) qabel ma tibda l-fixture tal-istess Club.

c) F'kull REGISTRATION, irid ikun hemm l-ISEM, il-KUNJOM u l-INDIRIZZ tal-plejer, (ĊARI U BLOCK LETTERS) skont ir-Regola 63 ta' din l-Għaqda, u żewġ photocopies tal-KARTA TAL-IDENTITÀ MAĦRUĠA MILL-GVERN, skont ir-Regola 62/A, inkella r-REGISTRATION ma tiġix aċċettata.

d) F'każ ta' xi plejer, li d-dokumenti tiegħu jkunu diġà ġew ippreżentati lill-Għaqda, biex isir il-PLEJER IDENTIFICATION DOCUMENT tal-M.F.A., il-Club ikkonċernat għandu jippreżenta lill-Għaqda, ir-REGISTRATION tal-istess plejer bin-numru tal-karta tal-Identità maħruġa mill-Gvern.

## 67. KUNDIZZJONIJIET TAL-CLUBS – RESPONSABBLI MILL-EWWEL PREŻENTAZZJONI TAR-REGISTRATIONS

a) Meta jitilgħu il-poloz tal-League tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni rispettivament, l-aħħar tliet Clubs ta' Kull Diviżjoni jigi indikat lilhom, il-hin biex jipprezentaw l-ewwel Registrations tagħhom u jiccekkjaw ir-registrations kif indikat fl-ewwel laqgha tal-ftuh ta' l-istagun.

b) Kull wieħed mit-tliet Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni rispettivament, li jkunu tiegħu bil-poloz tal-League skont ir-Regola 67A, u ma jkunux preżenti fil-hin indikat lilhom, skont r-Regola 66 biex jassumu r-responsabbiltà skont kif jinsab kontemplat f'dan ir-Regolament, il-Club/s ikkoncernat/i għandu/għandhom jeħlu multa ta' €25.00.

c) (POST U ĦIN) Għall-klarifikazzjoni tal-ewwel REGISTRATIONS, għandhom jkunu preżenti dawk it-tliet delegati tal-Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni rispettivament, fis-6.00 p.m. fil-Headquarters jew f'kull post ieħor sont r-Regola 1D tal-iStanding Order tal-I.A.S.C.

d) (CLUBS U DELEGATI) Kull wieħed mit-tliet Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni rispettivament, li jkunu tegħu bil-polza tal-League skont ir-Regola 67A, jkunu responsabbli li jibgħatu wieħed mit-tliet DELEGATI biss, li kienu ġew irreġistrati fuq il-FORM (F) tar-Regola 51A.

**e) IR-RESPONSABBILTÀ TAL-KLARIFIKAZZJONI TAL-EWWEL REGISTRATIONS.**

i. (Proċedura) Kull wieħed minn dawk it-tliet DELEGATI tal-Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni, għandu jkun responsabbli mill-klarifikazzjoni tar-Registrations ta' żewġ Clubs biss.

ii. F'każ li f'xi waħda miż-żewġ dati tal-klasifikazzjoni tar-Registrations li hija skont ir-Regola 67A u B, ma jattendix xi wieħed mit-tliet DELEGATI, iż-żewġ DELEGATI l-oħra, jkunu fid-dover li jassumu r-responsabbiltà taċ-ċirkostanzi.

iii. Meta dawk it-tliet Delegati tal-Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni, jispiċċaw mill-klarifikazzjoni tar-Registrations ta' dik id-Diviżjoni opposta, wara għandhom jiġu kklarifikati r-Registrations tagħhom minnhom stess, imma permezz ta' rotating system.

## 68. SUBTITUTE PLEJERS – F.I.F.A LAWS OF THE GAME

i. a) Dak il-Club li jagħmel użu minn xi SUBSTITUTE PLEJER, l-istess plejer irid ikun irreġistrat mal-I.A.S.C. regolari qabel ma tibda l-istess logħba. Dak il-Club li jikser din ir-Regola jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €20.00.

I. b) Kull Club jista' jagħmel użu minn tliet (3) SUBSTITUTE PLEJERS f'kull ħin tal-logħba. Plejer li jkun sostitwit ma jistax jieħu sehem fl-istess logħba. Dak il-Club li jikser din ir-Regola jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €20.00.

i. c) Kull Club jista' jagħmel użu minn kwalunkwè numru fuq il-flokkijiet skont ir-Regola 77A & B, basta ma jkunux dupplikati. Kull Substitute plejer li jiġi mniżżel fuq l-EXTRA LINE-UP Form (J) b'numru dupplikat, jew b'numru li ma jkunx jaqbel man-numru li jkollu fuq il-flokk eżatt, il-Club jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €20.00, li tkun trid tħallas skont ir-Regola 131A.

ii. a) Kull Club għandu jipproduċi żewġ kopji tal-EXTRA LINE-UP FORM (J) għal kull SUBSTITUTE PLEJER f'kull logħba kompetittiva, u għandhom jiġu ppreżentati lir-REFEREE jew lil min ikun responsabbli waqt il-logħob, u s-substitute plejer ma jistax jidħol FIL-PITCH, qabel ma joħroġ il-plejer li jinbidel.

II. b) Fuq iż-żewġ listi tas-Substitute plejer (FORM J), għandu jkun hemm imniżżel dan li ġej: 1) in-NUMRU tal-FLOKK; 2) l-ISEM SĦIĦ; 3) IL-KUNJOM; 4) IL-P.I.D. jew il-GOV. I.D. NUMBER ta' kull plejer, u kollox (BLOCK LETTERS). Dak il-Club li jikser ir-Regola 2/A jew B, jeħel multa ta' €20.00.

iii. a) Dawn iż-żewġ kopji tal-EXTRA LINE-UP FORM (J) għandhom jiġu ffirmati minn xi MEMBRU TAL-KUMITAT tal-istess CLUB, u għandha titniżżel id-data tal-ġurnata.

III. b) Fuq kull FORM (J) ta' din l-Għaqda, jrid ikun hemm l-użu ta' TIMBRU, bl-isem tal-CLUB ikkonċernat, li jkun skont ir-Regola 76. Dak il-Club li jikser ir-Regola 3/A jew B, jeħel multa ta' €5.00, għal kull FORM (J) li juża kull Club.

**N.B. KULL MULTA TRID TITHALLAS SKONT IR-REGOLA**

## 131A RELEASE TAL-PLEJERS FIŻ-ŻMIEN IL-LEAGUE

### 69. IL-KUNDIZZJONIJIET TAR-RELEASE

Kull Club jista' jagħti r-Release lill-plejer li jkollu rreġistrat miegħu fiż-żmien il-League ta' din l-Għaqda u meta jkun possibli għall-istess Club. Dak il-Club li jkun se jagħti r-Release lil xi plejer, il-Club għandu juża l-FORM (E) tar-Release ta' din l-Għaqda biss, inkella s-Segretarju għandu d-dritt li ma jaċċettax Formoli oħra.

### 70. DMIR TAL-CLUB

Il-Clubs huma fid-dmir li fejn huwa possibli l-plejers li jkollhon irreġistrati magħhom u ma jkollhomx ċans li matul l-istaġun se jiġu utilizzati, għandu jingħatalhom ir-Release.

### 71. IR-RIFJUT TAR-RELEASE

Dak il-Club li jirrifjuta t-talba ta' plejer biex jagħtih ir-Release minn miegħu, u jekk il-Club ikkonċernat jiċaħħad lill-plejer mingħajr ebda ġustifikazzjoni, il-plejer jkollu d-dritt li jappella lill-Inter Amateur Soccer Competition.

a) Jekk xi plejer jikteb lil din l-Għaqda, biex jieħdu r-Release mingħand l-aħħar Club li kellu, l-Għaqda tkun fid-dover li tibgħat għall-partijiet ikkonċernati, biex permezz tal-iSteering Commitee ta' din l-Għaqda, il-problema tiġi solvuta.

b) F'każ li l-Club ikkonċernat ma jattendix, jew li jonqos li jagħti raġunijiet sodisfaċenti, rigward it-talba tar-Release li jkun għamillu l-plejer, l-iSteering Commitee għandu d-dritt li jordna li l-plejer ikun FREE-RELEASE.

### 72. META JISTA' JINGĦATA R-RELEASE U META JISTA' JILGĦAB MA' CLUB IEĦOR.

Fil-każ ta' Release ta' plejer, li jkun għadu ma hax sehem fil-League ta' dak l-istaġun korrenti, u jekk l-istess plejer jmur ma' Club ieħor ta' din l-Għaqda, jkun jista' jieħu sehem fil-kumplament ma' wieħed miż-żewġ Diviżjonijiet, u fl-attivitajiet l-oħra kollha, li jiġu Organizzati mill-I.A.S.C.

a) Imma jekk l-istess plejer, li jkun bil-pussess tar-Release u ma jkunx ħa sehem fil-League ma ebda Diviżjoni, u jekk fl-istess waqt ma jkunx ippreżenta r-Release lill-Għaqda, qabel l-aħħar partita tal-League, ta' skont ir-Regola 72, ir-Release ma jibqax validu.

b) Fil-każ ta' Release ta' plejer li jkun diġà ħa sehem fil-logħob tal-League ta' din l-Għaqda, u biex jieħu sehem ma' team ieħor li jkun Affiljat f'din l-Għaqda, u biex r-Release ta' dan il-plejer ikun validu, għandu jingħata lill-plejer qabel ma' tibda l-aħħar logħba tal-League biss, tal-aħħar DIVISION LI TKUN QIEGĦDA TILGĦAB.

## 73. BIEX IR-RELEASE IKUN VALIDU

Biex ir-Release ikun validu, irid ikun komplut u miktub ċar, iffirmat mill-President jew mis-Segretarju tal-istess Club biss, fuq il-FORM (E) u l-istess Release irid ikun akkumpanjat bil-parti tar-Registration oriġinali, tal-aħħar Club li kien miegħu, u li r-Release jasal għand l-Għaqda, qabel ma tibda l-aħħar logħba skont ir-Regola 72.

# KUNDIZZJONIJIET TAL-LOGĦOB KOMPETITTIV

## 74. IL-LISTA TAL-PLEJERS (LINE-UP)

a) Kull Club għandu jipproduċi żewġ kopji tal-listi tal-plejers (Line-up Form I) f'kull logħba kompetittiva, u l-plejers għandhom ikunu mniżżlin fuq l-istess Line-up skont in-numru li jkollhom fuq il-flokk eżatt. (False Declaration)

b) Dawn iż-żewġ listi tal-plejers (Line-up) għandhom jiġu ppreżentati lir-referee qabel ma tibda l-logħba. Min jonqos minn dan ir-Regolament 74A jew B, jitlef il-logħba (Hindering Event).

## 75. L-ISMIJIET SĦAĦ U BLOCK LETTERS

a) Fuq it-tlett listi tal-plejers (Line-ups – Form I) għandu jkun hemm imniżżel: 1 – Isem, 2 – Kunjom, 3 – P.I.D. jew Government I.D. number ta' kull plejer. Dak il-Club li jħalli xi parti barra (Omitted) jew li tinkiteb żbaljata (technical error), il-Club jeħel multa ta' €25.00.

b) Fuq it-tlett listi tal-plejers (Line-ups) għandu jkun hemm imniżżel l-Isem u l-Kunjom Sħiħ u Block Letters. Min jonqos minn dan ir-Regolament jeħel multa ta' €15.00.

c) Fuq it-tlett listi tal-plejers (Line-ups) għandu jkun hemm imniżżel min ikun il-Captain u l-Vice Captain. Min jonqos minn dan ir-Regolament jehel multa ta' €5.00.

## 76. UŻU TA' TIMBRU MILL-CLUBS

Jekk Club ta' din l-Għaqda ma jagħmilx użu mit-Timbru bl-isem tal-istess Club, partikolarment fuq il-Forms tar-Registrations, Line-Ups u Substitute Forms, il-Club ikun suġġett għal multa ta' €5.00 għal kull Form li juża.

## 77. IN-NUMRU FUQ IL-FLOKKIJIET TAL-PLEJERS

a) Kull Club ta' din l-Għaqda, huwa fid-dmir li jagħmel in-NUMRI kollha fuq il-flokkijiet tal-plejers u tas-substitutes. Min jikser din ir-Regola 77A, għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €25.00.

b) Id-Daqs tan-NUMRI ta' fuq il-flokkijiet tal-plejers u tas-substitute plejers għandu jkun ta' 23 cm. Min jonqos minn din ir-Regola 77B, għandu jeħel multa ta' €50.00.

c) Kull goalkeeper jista' juża kull kwalità ta' NUMRU fuq il-flokk tiegħu biss, basta ma jkunx in-NUMRU tiegħu iddupplikat ma' xi plejer ieħor tal-istess team.

d) Jekk il-goalkeeper ma jkollu ebda NUMRU fuq il-flokk tiegħu, il-Club ikkonċernat jkun fid-dover li l-goalkeeper għandu jinkiteb fuq il-LINE-Up bin-NUMRU 1/A.

e) F'każ li jinbidel il-goalkeeper li kien bla NUMRU, u l-goalkeeper SUBSTITUTE jkun anke bla NUMRU, il-Club ikkonċernat, jkun fid-dover li jikteb is-SUBSTITUTE goalkeeper bin-NUMRU 1/B. F'każ ta' xi nuqqasijiet f'Regola 77D jew E, il-Club ikkonċernat għandu jeħel multa ta' €50.00.

**78. REĠISTRAZZJONI TAL-KULURI**

Kull Club għandu jirreġistra l-kulur/kuluri tat-team tiegħu fuq il-FORM F. Dak il-Club li jkun imnizzel l-ewwel tim fil fixtures, ghandu jinzel bil-kulur originali irregistrat fuq FORM F. F'każ ta' Club li kellu jinżel għal-logħob skont il-FIXTURES, u dan ma ġiex imwettaq, il-Club ikkonċernat għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €25.00. F'każ tal-Club l-ieħor, għadha tittieħed l-istess proċedura. DEJJEM L-AĦĦAR TIM GĦANDU JARA LI MA JOĦLOQX CLASH OF COLOURS.

**79. BDIL TAL-FIXTURES**

a) L-ebda logħba (FIXTURE) kompetittiva ta' din l-Għaqda ma tista' tiġi mibdula wara li jitilgħu il-poloz.

b) F'każ ta' posponiment ta' FIXTURES minħabba x-xita, eċċ., il-logħob għandu jsir il-Ħadd jew fl-ewwel opportunità li tinħoloq fiż-żewġ Diviżjonijiet rispettivi, u mmaterjali jekk l-istess posponiment tal-FIXTURES, ma' jkunx tal-istess Diviżjoni, jew wara li jispiċċa l-League kollu.

**80. META JINĦARĠU R-REMINDERS**

Is-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda jew l-Uffiċċjal inkarigat, jista joħroġ ir-Reminder b'din il-porċedura.
F'każ ta' tliet FIXTURES tal-League, il-ħinijiet huma fit-8.30 a.m., 9.45 a.m. u 11.00 a.m.,u meta jkun hemm żewġ partiti biss, il-ħin ikun fit-8.30 a.m. u fl-10.00 a.m. Waqt li fiż-żmien tan-Knock-Out, il-ħinijiet huma fit-8.15 a.m., 9.30 a.m., u 10.45 a.m. u meta jkun hemm żewġ partiti biss, il-ħin ikun fit-8.30 a.m. u fl-10.00 a.m.
**N.B. IL-CLUBS HUMA MFAKKRA BIEX JOSSERVAW IR-REGOLA 89 A/B/C/D/E/F.**

**81. IL-LEAGUE**

Il-League ta' din l-Għaqda għandu jkun ta' ROUND wieħed biss, kemm tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni rispettivament jew bil-format approvat (b'zewg terzi) fl-ewwel laqgha tal-ftuh ta' l-istagun.

**82. LOGĦOB FIL-ĠRANET TAL-MILIED U L-GĦID IL-KBIR**

L-Għaqda tal-I.A.S.C. ma torganiżżax logħob kompetittiv għall-Festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida (24, 25 u 31 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar), u għall-Festi tal-Għid il-Kbir.

**83. IL-BALLUN**

Minn meta jibda l-istaġun kalċistiku ta' din l-Għaqda, waqt il-logħob kompetittiv kollu, għandhom jintużaw il-blalen tal-Għaqda. Kull meta jintilef ballun waqt il-logħob, il-Club ikkonċernat ikun irid iħallas FEE daqs kemm ikun jiswa l-ballun f'dak l-istaġun.

**84. IL-PREŻENTAZZJONI TAL-UNURI TAL-FINALI TAN-KNOCK-OUT**

i. Wara l-partita tal-IASC President's Cup, eċċ., għandhom jittiħiedu r-ritratti tat-tlett REFEREES u magħhom irid jkun hemm iż-żewġ CAPTAINS bil-fjuri tat-timijiet ikkonċernati.

ii. Meta tispicca il-Finali tan-Knockout, fil-GROUND irid ikun hemm ippreparat il-mejda tal-Preżentazzjoni mżejna bil-BANDIERA, bit-Tazzi, bil-Miniatures u il-Medalji. L-ewel jigu ipprezentati it-tazzi lil-finalisti ta' din il-loghba u wara jigu ipprezentati it-tazzi u medalji lir-rebbieha.

**85. LOGĦOB KOMPETITTIV**

Kull Club għandu jilgħab il-logħob kompetittiv kollu li jiġi organiżżat minn din l-Għaqda, jekk ma jkunx sospiż, imneħħi mill-I.A.S.C. u/jew ħareġ minn din l-Organiżżazzjoni (bil-kunsens tal-Kunsill skont ir-Regolament 42).

**86. TEAM JIRTIRA JEW IMNEĦĦI**

Kull team li jirtira jew jiġi mneħħi minn din l-Għaqda matul l-istaġun, tingħata rebħa (walk-over) lit-teamijiet kollha li ma jkunux għadhom lagħbu miegħu biss.

**87. CLUBS LI JKUNU SOSPIŻI, EĊĊ.**

a) Dak il-Club li jiġi sospiż jew imneħħi, jew li jħassar xi logħba eċċ., il-Club l-ieħor li jkun tela' miegħu bil-polza jilgħab mat-team l-ieħor li jkun imiss – kemm fil-league u kemm fil-kompetizzjoni tan-Knock-Out, eċċ.

b) Dak il-Club li jkun sospiż, jew imneħħi, jew jħassar xi logħba, l-Clubs l-oħra li jkun imisshom miegħu waqt li l-Club ikun taħt dixxiplina, fil-każ tal-League jerbħu l-punti, u fil-każ tan-Knock-Out, eċċ., jieħdu rebħa.

**88. UŻU TA' PLEJERS FIL-LOGĦBA LI TKUN POSPOSTA EĊĊ.**

a) F'każ li logħba ta' din l-Għaqda tkun ġiet posposta, jew tkun trid terġà tintlagħab eċċ. Il-Clubs ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-plejers kollha li jkunu rreġistrati magħhom, anki minn xi plejers ġodda li jiġu rreġistrati wara d-data oriġinali ta' dik il-partita li tkun ġiet posposta, eċċ.

b) Għalkemm kull Club, jkun jista' jirreġistra plejers ġodda matul l-istaġun Kalċistiku, u anki jkun jista' jagħmel użu minn xi plejers ġodda f'xi logħba posposta eċċ., imma l-istess plejers iridu jkunu ġew irreġistrati, qabel il-bidu tal-aħħar logħba tal-League biss, tal-aħħar Diviżjoni li tkun qiegħda tilgħab, u skont id-Dati tal-FIXTURES li jkunu gew ipprogrammati qabel il-Ftuħ ta' kull Staġun Kalċistiku.

c) Dak il-Club li jikser ir-Regolament 88/B, għandu jitlef il-logħba, jeħel multa ta' €25.00 u l-ħlas tar-Regolament 118, ta' din l-Għaqda f'każ ta' Protest.

**89. META CLUB GĦANDU JINŻEL GĦAL-LOGĦOB (WALK-OVER, EĊĊ)**

a) Kull Club għandu jinżel għal-logħob kif ikun miktub fil-lista tal-FIXTURES.

b) Kull Club li ma jkunx fil-ħin għal-logħob u jiskorri anke l-għaxar minuti GRACE li jagħti r-REFEREE, l-ebda skuża ma tiġi aċċettata u l-Club konċernat jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €25.00, u l-ħlas tar-REFEREES.

c) Jekk Club jonqos li jinżel għal-logħob skont il-lista tal-FIXTURES jew li jinżel għal-logħob b'inqas minn disa' (9) plejers, wara li jkunu għaddew l-għaxar (10) minuti GRACE li jagħti r-REFEREE, u li tkun it-tieni WALK-OVER, il-Club għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €50.00 u ħlas tar-REFEREES.

d) Jekk xi Club jikser xi parti mir-Regolamenti 89/A/B/C għat-tielet (3) darba fiż-żmien il-League, l-istess Club ikun jista' jkompli jieħu sehem fil-League biss skont ir-Regola 95, imma jiġi eskluż li jieħu sehem fin-KNOCK-OUT tal-istess Staġun kurrenti, imma l-Affiljazzjoni tal-istess Club, għall-istaġun segwenti, għandha tiġi għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

e) F'każ ta' Club li jkun kiser xi parti mir-regolamenti 89/A/B/C għal żewġ darbiet fi żmien il-League, u darb'oħra fi żmien in-KNOCK-OUT, l-istess Club għandu jeħel multa ta' €50.00, u l-Affiljazzjoni għall-istaġun segwenti, għandha tiġi għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**90. SAKEMM PLEJERS JISTGĦU JIDĦLU GĦAL-LOGĦOB**

Jekk Club jibda l-logħba b'disa' (9) jew b'għaxar (10) plejers, u wara jiġu l-plejers l-oħra, biex dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-istess logħba, irid ikun fadal għaxar (10) minuti jew aktar mit-tmiem tal-istess logħba u dawn il-plejers għandhom jirrappurtaw lir-Referee, biex huwa jinforma lil-Captain jew lil-Vice-Captain tat-Team l-ieħor. Min jikser din ir-Regola għandu jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €20.00.

**91. META JIBDA IL-LEAGUE**

Il-League ta' din l-Organizzazzjoni jibda' fl-ewwel Ħadd ta' OTTUBRU ta' kull sena, u jew meta jiddeċiedi l-Kunsill.

**92. TLUGĦ TAL-POLOZ GĦALL-KOMPETIZZJONIJIET**

It-Treġija permezz tal-President ta' din l-Għaqda għandu d-dmir li jagħti l-parir ta' kif għandhom jitilgħu l-poloz tal-kompetizzjonijiet ta' din l-Għaqda u pariri oħra li jinħassu ta' ħtieġa, suċċess u għall-aħjar ta' din l-Organiżżazzjoni.

**93. IL-ĦIN TAL-LOGĦOB**

Il-ħin ta' kull logħba kompetittiva ta' din l-Għaqda jew ta' logħbiet oħra li din l-Organiżżazzjoni tieħu parti fihom huma:-

a) Fil-logħbiet ta' kull decider ta' kull EVENT, il-ħin huwa ta' sebgħin (70) minuta, ħamsa u tletin (35) minuta kull perjodu.

b) Fil-logħbiet ta' kull decider ta' kull Event, il-ħin normali huwa bħal dik tar-Regola 93/A b'eċċezzjoni li jekk logħba tispiċċa b'riżultat ta' parità (DRAW) għandhom jingħataw il-PENALTIES.

c) Fil-każ ta' logħba fiż-żmien id-Deciders tan-Knock-Out u tan-Knock-Out Final biss, li tispiċċa f'ħin normail ta' sebgħin (70) minuta b'riżultat ta' parità, u jekk wara l-istess logħba tkun trid tmur għal ħin barrani għandu jingħata mistrieħ ta' erba' (4) minuti. L-erba' (4) minuti jibdew jgħoddu mal-aħħar suffara tas-sebgħin (70) minuta tal-istess logħba. F'każ li jsir rapport mir-Referee, mir-Repprezentant tal-Clubs, jew mill-Membri tal-iSteering Commitee biss, bi ksur ta' din ir-Regola 93/C il-Club ikkonċernat jeħel multa ta' €25.00

**d) CONDITION OF PENALTIES**
**IN ACCORDANCE WITH THE INTERNATIONAL BOARD F.I.F.A INSTRUCTION TO NATIONAL ASSOCIATIONS AND CONTINENTAL FEDERATIONS TAKING OF KICK FROM THE PENALTY-MARK (Knock-Out Competitions etc.)**

Conditions under which kicks from the penalty-mark shall be taken to determine which of the two teams in a drawn match in a knock-out competition, shall be declared the winner (TO replace the drawing of lots).

The international board at its Meeting on 27th June 1970 accepted a proposal by the Federation Internazionale De Football Association that the practise of drawing lots to determine which of the two teams in a drawn match should proceed to a later stage of a Knock-Out Competition or receive the trophy (if any) be discontinued and be replaced by the taking of kicks from the penalty-mark which shall not be considered part of the match, subject to the following conditions:

i. The referee shall choose the goal at which of the kicks shall be taken.

ii. He shall toss a coin and the team whose captain wins the toss shall take the first kick.

iii. a) Subject to the terms of the following paragraphs (C) and (D) both teams shall take five kicks.
   b) The kicks shall be taken alternatively.

   c) If before both teams have taken five kicks, both have scored more goals than the other could, even if it were to complete its five kicks, the taking of kicks shall cease.

   d) if, after both teams have taken five kicks, both have scored the same number of goals, of have not scored any goals, or have not scored any goals, the taking of kicks shall continue, in the same order, until such a time as both have taken an equal number of kicks (not necessarily five more kicks) and one has scored a goal more than the other.

iv. The team which scores the greater number of goals, whether the number of kicks taken is in accordance with the terms of the foregoing paragraph 3(A), 3(C) or 3(D) shall qualify for the next round of the competition, as the case may be.

v. a) With exception referred to in the following paragraph (B) only the plejers who are on the field of play at the end of the match, which shall mean at the end of extra time in so far as a match in which extra time is authorised is concerned, and any who having left the field temporarily with or without the referee's permission, are not on the field of play at that time, shall take part in the taking of the kicks.

b) Provided that his team has not already made use of the maximum number of substitutes permitted by the rules of the competition under which the match was played, a goalkeeper who sustains injury during the taking of the kicks, and who, because of the injury, is unable to continue as goalkeeper, may be replaced by a substitute.

vi. Each kick shall be taken by a different player and not until all eligible players of any team, including the goalkeeper or the named substitute by whom he was replaced in terms of paragraph 5 as the case may be, have each taken a kick, may a player of the same team take a second kick.

vii. Subject to the terms of paragraph 5, any player who is eligible may change places with his goalkeeper at any team during the taking of the kicks.

viii. a) Other than the player taking the kick from the penalty mark, and the two goalkeepers, all players shall remain within the centre circle whilst the taking of the kicks is in progress.

b) The goalkeeper who is a collegue of the kicker, shall take up position within the field of play, outside the penalty area, at which the kicks are being taken, behind the line which runs parallel with the goal-line and at least ten yards from the penaly mark.

ix. Unless stated to the contrary in the forgoing paragraphs 1 to 8, the Laws of the game and International Board Decisions relating thereto shall, in so far as they can apply at the taking of the kicks.
N.B. In the event of light failing before the end of the talking of kicks from the penalty mark the result shall be decided by the toss of a coin or the drawing of lots.

x. The team which scores the greater number of goals, whether the number of kicks taken is in accordance with the terms of the foregoing paragraph 3(A), 3(C) or 3(D) shall qualify for the next round of the competition, as the case may be.

xi. a) With exception referred to in the following paragraph (B) only the players who are on the field of the play at the end of the match, which shall mean at the end of extra time in so far as a match in which extra time is authorised is concerned, and any who having left the field temporarily with or without the referee's permission, are not on the field of play at that time, shall take part in the taking of the kicks.

b) Provided that his team has not already made use of the maximum number of substitutes permitted by the rules of the competition under which the match was played, a goalkeeper who sustains injury during the taking of the kicks, and who, because of the injury, is unable to continue as goalkeeper, may be replaced by a substitute.

xii. Each kick shall be taken by a different player, and not until all eligible players of any team, including the goalkeeper or the named substitute by whom he was replaced in terms of paragraph 5 as the case may be, have each taken a kick, may a player of the same team take a second kick.

xiii. Subject to the terms of paragraph 5, any player who is eligible may change places with his goalkeeper at any time during the taking of the kicks.

xiv. a) Other than the player taking the kick from the penalty mark, and the two goalkeepers, all two goalkeepers, all players shall remain within the centre circle whilst the taking of kicks is in progress.

b) The goalkeeper who is a colleague of the kicker, shall take up position within the field of play, outside the penalty area at which the kicks are being taken, behind the line which runs parallel with the goal-line, and at least 10 years from the penalty mark.

xv. Unless stated to the contrary in the foregoing paragraphs 1 to 8 the Laws of the Game and International Board Decisions relating therto, shall, in so far as they can apply at the taking of the kicks.
N.B. In the event of light failing before the end of the taking of kicks from the penalty mark the result shall be decided by the toss of a coin or drawing of lots.

## CONDITIONS AND PROCEDURES OF EVERY I.A.S.C. EVENT

**94.** Should two or more clubs finish their fixtures on equal points in championship winning, promotion, relegation and/or qualifying situations, a table should be drawn, showing the results obtained by the relative clubs only, and the following elimination procedure should be applied.

## CLUBS FINISHING ON EQUAL POINTS

a) First consideration should be given to the points obtained by the clubs concerned in their direct encounters. The one with the highest number of points should be declared the winner.

b) If sub-clause 1 of this rule does not yield a decision, then the scores achieved in the relative direct encounters should be considered. The club with the highest score in its favour should be declared the winner.

c) In the case of absolutes parity in the above procedures, the winning club should be declared the one with the least number of goals conceded in the direct encounters between the relative clubs only.

## 95. DECIDING THE QUALIFYING CLUBS

a) Should no decision be reached in terms of Rule 94 Section 1 Para A/B/C, the winners of the respective competition, etc., should be determined by decider/s Rules 93 B and C.

b) In the case of more than two clubs involved in that event, etc., then a decision should be taken in accordance with Rule 93A.

c) The draws should be effected according to the following procedure

| | | |
|---|---|---|
| A | Vs | B |
| B | Vs | C |
| C | Vs | A |

## PROJBIZZJONI TA' REKLAMI JEW ISEM IEĦOR EĊĊ.

**96. PROJBIZZJONI TA' ISMIJIET TA' DITTI EĊĊ.**

L-ebda Club Affiljat ma' din l-Għaqda ma jista' juża flokkijiet b'isem ta' Ditta jew b'xi isem ieħor li ma jkunx tal-istess Club, b'qies ta' aktar minn 6 cm TUL, u 4 cm Għoli. Min jikser din ir-Regola jeħel multa ta' €70.00

N.B. F'Każ ta' Club li jkun irid juża flokkijiet bl-isem ta' DITTA jew b'xi Isem ieħor fuqhom, b'qies ta' xi ftit akbar (LIMITAT) mil-qies stipulat f'Regola 96, il-Club ikun irid jimla' l-FORM (K) u l-istess Club ikun jeħtieġ permess tal-Għaqda.

**97. REKLAM FUQ IL-FLOKKIJIET BISS (BIL-PERMESS U ĦLAS)**

F'KAŻ LI JKUN HEMM Club, li jkun Affiljat ma' din l-Għaqda, u jkun jixtieq li juża l-Flokkijiet jew b'xi REKLAM/I jew b'xi ISMIJIET SPORTIVI, l-istess Club ikun suġġett għall-dawn il-kundizzjonijiet:

a) Il-Club ikun irid jimla' l-FORM (L) u l-istess Club ikun jeħtieġ l-apporvazzjoni ta' din l-Għaqda.

b) Il-Permess tar-REKLAM jew ISEM SPORTIV, ma jridx ikun bl-ebda mod POLITIKU.

c) Kull club ikun irid iħallas FEE (miżata) waħda daqs nofs kemm tkun il-FEE tal-Affiljazzjoni f'dak l-istaġun, għal REKLAM/I jew ISEM SPROTIV differenti li juża l-istess Club. U il-FEE tkun tiswa għall-istaġun kurrenti biss. Kull Club ma jistax juża aktar minn reklam fl-istess logħba.

d) Dak il-Club li jkun irid juża sa żewġ REKLAMI jew ISMIJIET SPORTIVI f'logħba ikun irid iħallas FEE daqs tal-Affiljazzjoni f'dak l-istaġun.

e) Il-goaler biss jistgħa jkollu reklam li ma' jkunx irreġistrat. Min jikser dan ir-Rule, jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €15.00.

**98. INTER LEAGUE COMPETITION**

a) The I.A.S.C. Inter League Competition should be composed of eight Clubs, four from the First Division and four from the Second Division. To qualify in this Competition, a club has to finish in the first four places of its respective division at the end of the league campaign.

b) The eigth qualifying clubs should be divided by a draw into two Divisions namely Division A and Division B.

c) The Inter/League Competition should be initiated after both the First and Second Division League have been terminated.

d) Matches in connection with the Inter League Competition should be held every Sunday, etc. The order for the fixtures should be alternate every week, the programme consisting of two matches from one Division and a match from the other.

e) The procedure of the fixtures' sequence in Division A and Division B should be as follows. The Club finishing first in Division A will play against the second placed club in Division B and vice-versa. If in a Section, two or three Clubs finish their commitments on equal points, a classification is reached in accordance with rule 94

First classified in Division A vs Second classified in Division B.
Second classified in Division A vs First classified in Division B.

f) These fixtures will be held in accordance with Rule 93 B and C, and the winners will contest a final match in accordance with Rule 93B and C too.

## DIXXIPLINA TAL-GĦAQDA

**99.** Huwa pprojbit li xi Membru ta' din l-Għaqda joffri dirett jew indirett xi konsiderazzjoni ta' xi ħaġa lill-plejers u jew lil Club ieħor li jkun affiljat f'din l-Għaqda biex jiġi influwenzat ir-riżultat ta' logħba. F'każ li jiġi ppruvat il-ksur ta' dan ir-Rule, li xi Membru ta' Club ta' din l-Għaqda offra xi ħaġa dirett jew indirett lil xi Club ieħor, jew xi Membru ta' Club li aċċetta l-offerta, jaqgħu taħt id-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Inter Amateur Soccer competition.

## 100. SOSPENSJONIJIET TA' MEMBRI U PLAYERS TAL-MFA

Kull sospensjoni mill-Kunsill jew mill-bord tad-Dixxiplina tal-MFA, fuq players u jew Membri ta' Kumitati ta' Clubs li jkunu fl-MFA, l-istess sospensjoni u kull deċiżjoni hija suġġetta għal din l-Għaqda, però meta l-istess sospensjoni ta' Dixxiplina tal-MFA, tkun fuq il-players ghal PERJODU BISS, u meta l-I.A.S.C. tiġi infurmata bil-miktub. Min jikser dan ir-Rule jitlef il-logħba u jeħel multa ta' €15.00

## 101. SOSPENSJONIJIET FUQ PLAYERS U MEMBRI TA' XI GĦAQDIET OĦRA MILL-MFA

a) Kull sospensjoni li tiġi onorata ill-Kunsill u jew mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA, fuq players u jew Membri ta' kumitati ta xi Għaqdiet oħra, li jkunu affiljati mal-MFA, għal din l-Għaqda ma jiġix ikkunsidrat, jekk ma jkunx hemm bil-miktub.

b) F'każ ta' sospensjoni li tiġi onorata mill Kunsill u jew mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA, fuq players u jew fuq Membri ta' Kumitati ta' Clubs ta' xi Għaqda oħra li tkun affiljata mal-MFA u l-I.A.S.C. tiġi infurmata bil-miktub, l-istess sospensjoni tibda sseħħ minn dik id-Data li s-Segretarju tal-I.A.S.C. jinforma lil-Clubs ta' din l-Għaqda bil-miktub.

## 102. META LOGĦBA TIĠI ABBANDUNATA ETĊ. MIR-REFEREE

a) Meta logħba tiġi abbandunata mir-referees U JIĠI MĦASSAR il-programm li jkun fadal, minħabba li tkun ikkaġunata miż-żewġ clubs jew min club wieħed biss, li jkunu qegħdin jipparteċipaw u li tkun il ħtija tal-players, Uffiċjali u/jew Supporters tal-istess clubs, għandhom jiġu mwettqa dwan il-miżuri DIXXIPLINARI.

b) F'każ li l-abbandun ikun tal-ewwel partita u jkun ġie kkaġunat miż-żewġ clubs, Uffiċjali u /jew mis-Supporters tagħhom, iż-żewġ clubs ikunu suġġetti li jħallsu flimkien l-ispejjeż tat-tieni u tat-tielet logħba – KERA tal-ground u l-ħlas taż-żewġ partiti tar-REFEREES, skont il-prezzijiet tal-ġurnata, u €25.00 lil kull Club tat-tieni partita ta' trasport etċ.

c) Jekk l-abbandun ikun tal-ewwel partita u jkun ġie kkaġunat minn Club wiehed biss li jkun kaġunat mill-players, Uffiċjali u/jew mis-Supporters tiegħu stess, il-club ikun suġġett li jħallas kollox waħdu, li jfisser spejjeż tat-tieni u tielet logħba – KERA tal-ground, u l-ħlas taż-żewġ partiti tar-REFEREES, skont il-prezzijiet tal-ġurnata, u €25.00 lil kull Club tat-tieni partita ta' trassport, etċ.

d) F'każ li l-abbandun ikun tat-tieni partita u jkun ġie kkaġunat miż-żewġ Clubs, Uffiċjali u /jew mis-Supporters tagħhom, iż-żewġ Clubs ikunu suġġetti li jħallsu flimkien l-ispejjeż tat-tielet partita – KERA tal-ground u l-ħlas tar-REFEREES tal-aħħar partita, skont il-prezzijiet tal-ġurnata u €25.00 lil kull Club tat-tielet partita ta' trassport, etċ.

e) Jekk l-abbandun ikun tat-tieni partita u jkun ġie kkaġunat minn Club wieħed biss li jkun kaġunat mil-players, Uffiċjali u/jew mis-Supporters tiegħu stess, il-club ikun suġġett li jħallas kollox waħdu, li jfisser tat-tielet partita – KERA tal-ground u l-ħlas tar-REFEREES tal-aħħar partita skont il-prezzijiet tal-ġurnata u €25.00 li kull Club tat-tielet partita ta' trasport, etċ.

f) Jekk xi darba jiġi kkaġunat abbandunament ta' xi partita li tkun tal-aħħar minn xi programm mill-MEMBRI tal-M.F.R.A. u peress li l-ground u l-MEMBRI tal-M.F.R.A. ikunu diġa mħallsa mill-clubs ikkonċernati, il-Club jew il-Clubs ikunu suġġetti għal kull kwalità ta' Dixxiplina skont Rule 114/A u B.

g) F'każ li logħba jew aktar ma titkomplix minħabba li tkun ikkaġunata mix-xita u jekk tkun fadal aktar minn ħdax-il minuta jew aktar għat-tmiem tagħha, il-logħba jew anke aktar, jerġgħu jintlagħbu mill-ġdid irrispettivament mir-riżultati skont Rule 79B.

## 104. ĦRUĠ FIL-GROUND WAQT IL-LOGĦOB BLA PERMESS

a) L-ebda membru tal-Kumitat jew xi persuna oħra ma tista' toħroġ fil-ground waqt il-logħob mingħajr il-permess tar-referee. F'każ li jweġġa' player, il-persuna li tista' tidħol fil-ground meta jagħti l-permess ir-Referee, hija dik il-persuna li tkun inkarigata mill-First Aid biss. F'każ ta'ksur ta' din ir-Regolament, il-Club ikkonċernat jeħel multa ta' €15.00 l-inqas, l-istess multa tista' tkun ta' €50.00, u jekk il-każ ikun gravi ħafna, il-Club jew Clubs huma suġġetti għar-Regolamenti Nru. 102 A u B.

b) **RAPPORTI TA' INĊIDENTI MILL-MEMBRI KOLLHA TAL-I.A.S.C.**
Kull Membru tal-iSteering Committee u jew kull Membru li jkun fil-Kunsill, u dawk il-Membri tal-Kumitati tal-Clubs li jkunu preżenti waqt il-logħob, skont Regolament Nru. 105, huma fid-dmir li jirraportaw kull imġieba ħażina tal-players, ta' membri ta' Kumitati u supporters, u kull inċident ta' ksur tar-Regolameni ta' din l-Għaqda. Għal dan il-għan għandhom jintużaw il-Form (G) u l-Form (H).

c) **RAPPORTI**
Kull rapport li jsir lil din l-Għaqda mir-Referee, Assitant Referee, Membri tal-iSteering Committee u jew mill-Membri tal-Kunsill jistgħu jekk l-iSteering Committee jidhirlu li hemm bżonn, dawn ir-rapport jiġu għad-diskussjoni tal-Kunsill, u jistghu jittieħdu kull deċiżjonijiet.

d) **RAPPORTI GĦAND L-MFA**
L-iSteering Committee u jew il-Bord tad-Dixxiplina ta' din l-Għaqda jirriżerva d-dritt, għal kwalità ta' offiżi li jsiru, minn player, Membru tal-Club, Kumitat ta' Club, uffiċjal tal-Għaqda jew minn membru tal-M.F.R.A., biex jintbagħtu għand il-Malta Football Association.

## 105. MIŻURI TA'ATTENDENZA TAL-MEMBRI TAL-KUMITATI TAL-CLUBS WAQT DAN IL-LOGĦOB

a) Waqt il-logħob ta' din l-Għaqda għandu jkun hemm preżenti, Membru minn Kumitat ta' Club li ma jkollux Fixture tiegħu fl-istess ħin. L-istess Membru tal-Kumitat għandu jiġi rispettat u jissejjaħ – *IASC OFFICIAL*. Dak il-Club li ma jkunux preżenti fil-ħin skont kif ikun stipulat mill-Għaqda, l-Club konċernat jeħel multa ta' €25.00 u 5 punti fil-Good Conduct Shield għall-ewwel darba biss.

b) Dak il-Club li jikser ir-Rule 105/A ghal aktar minn darba, għandu jeħel multa ta' €35.00 u 5 punti fil-Good Conduct Shield ghal kull darba li jkun assenti.

c) Meta dak il-Club li ikun qed jiehu ir-responsabilitajiet ta' *IASC Official* minflok dak il-Club li kiser Rule 105 A jew B, il-Club tieghu ghandu jigi ikkumensat b'€10 fuq l-account tal-Club tieghu.

f) **RAPPREŻENTANTI TAL-CLUBS WAQT IS-SEMI FINALS**
L-ewwel żewġ Clubs telliefa mill-logħob tan-Knock-Out ta' kull staġun Kalċistiku, l-clubs ikkonċernati jkunu jridu jibgħatu RAPPREŻENTANT għall-ewwel partita tas-Semi-Finals skont Rule nru. 105/A fis-7.30am

g) It-tielet club tellief mill-logħob tan-Knock-Out ta' kull staġun Kalċistiku, l-Club ikkonċernat ikun irid jibgħat RAPPREŻENTANT għat-tieni partita tas-Semi-Finals skont rule nru. 105/A fl-9.45am.

h) **RAPPREŻENTANTI TAL-CLUBS WAQT L-I.A.S.C. PRESIDENTS'S CUP u L-FINALI tan-KNOCK-OUT**
Dawk iż-żewġ clubs li jiġu eliminati fil-Quarter Finals tan-Knock-Out, li jkunu A vs B u C vs D, kull club ikkonċernat irid jibgħat rappreżentant għall-partita tal-I.A.S.C. PRESIDENT'S Cup skont Regolament Nr. 105/A fis-7.30am. Dawn l-ewwel żewġ rappreżentanti tal-clubs ikunu responsabbli mir-Referee's Report Sheet u mit-twaħħil tal-Billboards, etc.

i) **RAPPREŻENTANTI TAL-CLUBS WAT IL-FINAL TAN-KNOCK-OUT**
Iż-żewġ clubs li jiġu eliminati fil-quarter finals tan-Knock-Out, li jkunu E vs F u G vs H, kull club ikkonċernat irid jibgħat rappreżentant għall Final tan-Knock-Out skont Regolament Nr. 105/A fid-9.30am. Dawn l-aħħar żewġ rappreżentanti tal-Clubs ikunu responsabbli mir-Referee's Report Sheet u mil-inżul tal-Billboards, mill-Presentations, etc.

j) Bi ksur tar-Rule 105E/F/G/H/I mir-rappreżentanti tal-Clubs etc, il-multi huma l-istess li jidhru fir-Rule 84/5/B/ (€40.00)

## DETAILS FOR CLUBS REPRESENTATIVES IN RESPECT OF RULE 105 E/F/G/H

This page is referring to Rule 105 E/F/G/H to guide the clubs concerned, of those EVENTS in repect of the same Rule 105 E/F/G/H

**QUARTER FINAL**

| | | |
|---|---|---|
| A ________ | VS | B________ |
| C ________ | VS | D ________ |
| E________ | VS | F________ |
| G________ | VS | H________ |

**SEMI FINAL**

| | | |
|---|---|---|
| A or B________ | VS | C or D________ |
| E or F________ | VS | G or H________ |

**IASC PRESIDENT'S CUP**

| | | |
|---|---|---|
| ________ | VS | ________ |

*N.B. the losers in the semi-finals play for the IASC PRESIDENT'S CUP before the Knock-Out Final*

**FINAL**

| | | |
|---|---|---|
| ________ | VS | ________ |

## CONDITIONS

1) The Knock-Out Competitions should be contested among all the clubs of both sections.

2) In terms of rule 93/B, if a Knock-Out match finishes in a draw, even after the extra time, penalty kicks should be taken to determine the winner. Rule 93/C refers.

### 106. DIXXIPLINA TAL-GĦAQDA WAQT IL-LOGĦOB

**a) MEMBRI TAL-KUMITAT BISS**

Kull Club irid ikollu żewġ Membri mill-Kumitat tiegħu stess, fil-ground il-ħin kollu waqt kull EVENT tal-istess Club, Għall-Għaqda tal-I.A.S.C. huwa immaterjali min jieħu l-parti ta' Coach, basta ż-żewġ Membri jkunu tal-istess Club u li jkunu skont Rule 51/B, u biex joħolqu l-aħjar protezzjoni possibli, biex din l-Għaqda tiba fil-livell xieraq. Nuqqas ta' xi osservazzjoni ta' dan ir-Rule, multa ta' €35.00.

b) F’każ ta’ club, li għal xi partita partikulari, ma jkollux żewġ Membri tal-Kumitat skont Rule 106/A ta’ din id-Dixxiplina, imma jista’ l-istess club ikollu Membru ieħor li qiegħed jieħu sehem bħala player. B’danakollu, l-istess club ikollu din il-konċidenza għall-tliet darbiet mill-ewwel partita tal-League u anki inkluż l-Inter League, u l-istess club jerġa jkollu l-aħħar konċidenza mill-Amateur-Cup sa l-aħħar partita tan-Knock-out.

ci) Imma biex dawn il- konċidenzi jiġu aċċettati, u biex ma jkunx hemm l-ebda lok ta’ abbuż, fir-Rule 106/A, il-Membru tal-Kumitat tal-istess Club, irid jiffirma r-REFEREE’S MATCH REPORT tal-MFA bħala il-CLUB OFFICIAL

cii) Fl-istess waqt, il-Membru kkonċernat, ikun fid-dover li jinforma lill-Ufficjal tal-Għaqda, li jkun skont Rule 105, bit-tieni Membru tal-Kumitat ta’ dik il-partita partikulari tal-istess Club. Nuqqas ta’ xi osservazzjoni fir-Rule 106/C/1/2, il-Club ikkonċernat ikun usġġett għall-multi ta’ Rule 106/D.

d) Jekk Club ta’ din l-Għaqda jispiċċawlu t-tliet konċidenzi ta’ matul il-League, li huma kont Rule 106/B. Club għandu jeħel multa ta’ €35.00 kull darba, u f’każ ta’ Club li ma jippreżenta xejn, il-Club ikkonċernat għandu jeħel multa ta’ €60.00 u jekk l-istess club jikser ir-Rule 106/B kollu għal darbtejn infila, għandu jeħel multa ta’ €60.00 u jitlef id-dritt li jieħu sehem f’xi EVENT ieħor ta’ wara l-League tal-istess Staġun Kalċistiku.

## 107. IR-RESPONSABBILTÀ TAL-MEMBRI TAL-KUMITATI

a) Kull Kumitat huwa assolutament marbut bir-responsabbiltà għall-imġiba tal-players li jirreġistraw, li dan huwa kollu skont Rule 110 ta’ din l-Għaqda. Għaldaqstant, meta tispiċċa partita, u xi Membru tal-M.F.R.A. jew tal-iSteering Committee, etc jiġi insultat b’xi kliem ta’ kattiverja jew ta’ disprezz li mhux aċċettabli għal xi ħadd, waqt li ż-żewġ Membri tal-Kumitat ikkonċernat ikunu preżenti għall-protezzjoni obbligatorja, il-Club ikkonċernat għandu jeħel multa ta’ €50.00 talli ġiet ikkreata azzjoni viljakka mil-players tal-istess Club.

b) Jekk waqt jew kif tispiċċa partita, u xi Membru tal-M.F.R.A. jew tal-iSteering Committee etc. jiġi aggredit minn xi player/s minn ta’ xi tim tal-istess partita, u fil-preżenza taż-żewġ Membri tal-Kumitat tal-istess team, li l-missjoni ta’ dawn iż-żewġ Membri tkun, il-protezzjoni fl-aħjar tal-Għaqda ġenerali, il-club involut għandu jeħel multa ta’ €120.00, li ghandha titħallas skont rule 131/1.

c) Jekk waqt jew kif tispiċċa partita, u xi Membru tla-M.F.R.A. jew tal-iSteering Committee etc, jigi aggredit minn xi player/s minn ta' xi tim tal-istess partita, u ż-żewġ Membri tal-Kumitat ta tim involut ma jkunu preżenti fil-ground skont Rule 106A, jew iż-żewġ Membri tal-Kumitat tal-club involut jistgħu jkunu preżenti, imma ma joffru l-ebda protezzjoni meħtieġa kont Rule 113, il-club ikkonċernat ikun wettaq gravità li ma tixraqx, u għalhekk il-club ikkonċernat għandu jispiċċa mill-Għaqda skont Rule 114.

## 108. DEPOSIT

a) L-iSteering Committee tal-I.A.S.C., ilu żmien josserva, li vjolenza u n-nuqqas ta' rispett qed jiżdied fil-qasam sportiv minn żmien għall-ieħor. U, peress li ċertu clubs ta' din l-Għaqda jistgħu jirreġistraw players ta' fama tajba, imma l-Clubs, flok li jirċievu l-kontribut mixtieq, il-clubs jistgħu jkunu l-vittma tal-atteġjament ħażin li jikkrejaw l-istess players li jiġu rreġistrati magħhom.

b) Għalhekk, fid-29 ta' April, 2005, fl-aħħar Seduta tal-Kunsill tal-Għeluq tal-istaġun 2004/05, l-iSteering committee ħass il-bżonn, li jiġu preżentati Regolamenti u multi ġodda skont iċ-ċirkustanzi taż-żmien.

c) Infatti, il-clubs għamlu Depositu ta' €60.00, għal dawn ir-raġunijiet segwenti; biex jekk ikun hemm xi ksur ta' Regolament tad-Dixxiplina u jista' l-Club ikollu xi ħlasijiet oħra ukoll, u fl-istess waqt irid jiġi kkonsidrat, li kull club ta' din l-Għaqda jiġi f'perjodu darba biss fiż-żmien il-League, li jdum ma jilgħab wara ħames ġimgħat u, fl-aħħar nett id-Depositu l-aktar li jservi, biex ma jkunx hemm ksur tar-Regolament 131/1.

d) **RAPPREŻENTANTI TAL-CLUBS VIĊIN IL-PERIFERIJA TAL-GROUND WAQT IL-LOGĦOB**

   i. Il-Club li jkun tela' l-ewwel bil-polza fi kwalunkwe kompetizzjoni ta' din l-Għaqda, għandu dritt li jagħżel il-post ta' ħdejn il-periferija tal-pitch allokat għal dan il-għan, u jibqa' fl-istess post mil-bidu sal-aħħar suffara.
   ii. Dik il-persuna li tkun responsabbli mit-tim waqt il-logħob, (CLUB OFFICIAL) hija fid-dover li tkun eżemplari fl-atteġġjament tagħha, li trid tikkopera mal-Uffiċċjali tal-partita l-ħin kollu.

## 109. IL-MEMBRI TAL-KUMITATI U L-KOOPERAZZJONI

a) Kull Club li jkollu FIXTURE u li jkollu żewġ Membri minn tal-istess Kumitat fil-ground il-ħin kollu, il-club Official ikun fid-dover ukoll, jilbes it-tag il-hamra f'pożizzjoni li tidher mir-Referees tal-istess partita, nuqqas ta' dan, il-Club jeħer multa ta' €25.00.

b) It-tieni Club Official, ikun fid-dover, jilbes it-tag il-hadra f'pożizzjoni li tkun tidher mir-Referees skont Rule 110, nuqqas ta' dan, il-Club jeħel multa ta' €25.00.

c) Iż-żewġ Membri tal-Kumitat tal-Club ikkonċernat li jkunu fil-ground skont Rule 106/A, huma totalment responsabbli, li meta jiġi mkeċċi player, ikunu fid-dover li joħorġuh mill-ground immedjatament, nuqqas ta' dan, multa ta' €35.00.

**110. RESPONSABBILTÀ TA' MĠIEBA TAL-PLAYERS**

Kull membru tal-Kumitat ta' Club li jkun affiljat f'din l-Għaqda b'mod speċjali l-Membri li jkunu fil-Kunsill, huma responsabbli għall-imġiba tal-players u s-Supporters tagħhom lejn ir-Referee, u l-Asst. Referees u l-Membri tal-iSteering Committee waqt il-logħob, u li jiżguraw il-protezzjoni kollha meħtieġa biex ma jiġux assaltati l-istess Uffiċjali, mis-Supporters, jew mill-players tagħhom eċċ. Ksur ta' dan ir-Rule multa ta' €60.00.

**111. RESPONSABBILTÀ TAL-CAPTAIN U L-VIĊI CAPTAIN**

Il-Captain u/jew il-Viċi Captain (skont iċ-ċirkustanzi) huma totalment responsabbli matul il-progress tal-logħba u meta tispiċċa l-istess logħba biex jikkoperaw mar-Referee u l-Asst. Referees u jisma' minn dak kollu li jordnawlu dan l-Uffiċjali. Il-Captain huwa responsabbli wkoll li jgħin lir-Referee fil-każ li dan ikun irid ikeċċi jew jieħu isem ta' xi player u li jiżguraw kull protezzjoni lir-Referee wkoll.

**112. IMĠIBA KONTRA R-REFEREES (PERMEZZ TA' INSULTI)**
**IMĠIBA KONTRA R-REFEREES (ĦSARA LILL-GĦAQDA)**

Il-Clubs huma mfakkra, li qabel ma jaffiljaw ma' din l-Għaqda, sejrin ikunu suġġetti għal dawk ir-Rules kollha EŻISTENTI u ma dawk kollha li tagħmel minn ŻMIEN GĦAL IEĦOR. Għaldaqstant, il-Clubs kolha huma suġġetti għall-IMĠIEBA ĦAŻINA versus ir-Referee. Għalhekk, mal-ewwel insult li jsir lil xi Membru tal-M.F.R.A., minn xi Membri ta' xi Club, jew mid-direzzjoni ta' fejn ikun qiegħek l-istess club, u kemm wara l-logħob, il-club ikkonċernat għandu jeħel multa ta' €25.00 u jekk jerġa f'xi data oħra, iwettaq l-istess offiża, għandu jeħel multa ta' €60.00 u mat-tielet darba jeħel multa ta' €100.00 u jittieħdu passi Dixxiplinarju wkoll.

**113. NUQQAS TA' RISPETT MILL-PLAYERS**

a) Kull imġiba ħażina li ssir kontra l-Membri tal-Malta Football Referees Association jew lill-Membri tal-iSteering Committee ta' din l-Għaqda, mill-players ta' xi tim affiljat mal-I.A.S.C., għandu jiġi rrappourtat fuq il-Form G ta' din l-Għaqda, skont Rule 113.

b) Dan ir-Rule huwa suġġett għall-players kollha lil jkunu Reġistrati mal-I.A.S.C., minbarra għal dawk il-players li jkun qegħdin jieħdu parti mat-tim tagħhom f'ħin tal-partita biss. Kull deċiżjoni li jieħu l-Board tad-Dixxiplina tal-I.A.S.C. għandha tmur lill-Club ikkonċernat permezz ta' ittra rreġistrata.

c) Il-players, jistgħu jiġu rrapportati mill-MEMBRI TAL-ISTEERING COMMITTEE u mil-IASC Officials biss, u jiġu ffirmati mis-Segretarju Ġenerali tal-Inter Amateur Soccer Competition.

## 114. KSUR TAR-RULES MILL-CLUBS

a) F'każ ta' Club jew Membru ta' Kumitat minn ta' din l-Għaqda, jiġi ppruvat li kiser xi Rule tal-ISTATUT jew tar-Regolamenti tal-logħba tal-Football, JEW ta' kondotta ħażina, IL-Board tad-Dixxiplina ta' din l-Għaqda, għandu l-awtorità li jordna lill-Club jew Membru tal-Kumitat, li jiġi MNEĦĦI jew li jkun SOSPIŻ għall-perjodu, jew IMMULTAT skont kif jidhirlu l-Board tad-Dixxiplina tal-I.A.S.C.

b) Il-Board tad-Dixxiplina tal-I.A.S.C. jista' ma jiltaqax mal-club jew mal-Membru tal-Kumitat ikkonċernat, imma l-Club jirċievi d-Deċiżjoni tal-Board tad-Dixxiplina tal-I.A.S.C. permezz ta' ittra rreġistrata.

## 115i IL-BOARD TAD-DIXXIPLINA TA' DIN L-GĦAQDA GĦALL-MEMBRI TAL-KUMITATI U CLUBS BISS

a) Il-Board tad-Dixxiplina ta' din l-Għaqda, għandu jiltaqa' waqt il-logħob fil-ground, fl-ewwel Ħadd segwenti mill-inċident, u dejjem fil-ħin skont iċ-ċirkonstanzi.

b) Il-Membri tal-Board tad-Dixxiplina għandhom ikunu it-tliet Membri Uffiċjali ta' din l-Ggħaqda sakemm is-Segretarju jew il-Kaxxier ma jkunux involuti bil-Clubs rispettivi tagħhom.

c) Dan il-Bord ikun kostitwit ukoll mit-tliet rappreżentanti ta' dawk it-tliet Clubs ta' dik id-Diviżjoni opposta, li kienu l-IASC Officials fil-jum tal-inċident.

d) Kull membru ta' kull Kumitat tal-Club li kien preżenti f'dik id-data tal-inċident bħala Club Representative, u ma jattendix biex jieħu sehem fil-Board tad-Dixxiplina, għandu jeħel multa ta' €25.00.

e) F'każ ta' dak il-Membru tal-kumitat li kien bħala IASC OFFICIAL f'dik id-data tal-inċident, u minħabba f'xi raġuni serja ma jkunx jista' jattendi biex jieħu sehem fil-Board tad-Dixxiplina, huwa fid-dmir li jibgħat bil-miktub dak kollu li jkun ra fl-istess inċident, ma membru ieħor tal-istess Kumitat tal-Club konċernat.

**115ii IT-TERMINI TAL-BOARD TAD-DIXXIPLINA**

a) Kull membru ta' kull Kumitat ta' din l-Għaqda li kien involut fl-inċident, u jkun ġie avżat biex jidher quddiem il-Board tad-Dixxiplina, u ma jattendix, il-Board tad-Dixxiplina ta' din l-Għaqda jiddeċiedi xorta skont Regolament 32.

b) L-Għaqda għandha tinforma lill-Club ikkonċernat b'kull deċiżjoni li jkun ħa l-Board tad-Dixxiplina, permezz ta' ittra rreġistrata.

c) Kull Club li jeħel xi multa, għandu jħallasha waqt il-logħob ta' din l-Għaqda, fl-ewwel Ħadd segwenti skont Regolament 131/2.

d) Min jonqos minn dan id-dover, il-Club ikkonċernat ikun suġġett għar-Regolament 131/4 u 132 tal-iStatut ta' din l-Għaqda.

*N.B. Il-Clubs ta' din l-Għaqda, qegħdin jiġu mfakkra bir-responsabbiltà tar-Regolament 41 u tal-Form (M) li ġiet iffirmata minn kull Club.*

## KIF GĦANDHOM ISIRU L-PROTESTI

**116. KWALITÀ TA' PROTESTI**

a) Kull Club jista jagħmel kull kwalità ta' Protest kontra Club, Membru ta' Kumitat u/jew player eċċ, quddiem il-Kunsill ta' din l-Għaqda fiz-zmien il-league jew il-Bord tal-appelli u protesti tal-IASC waqt logbiet kompettivi ohra, u li l-istess Protest ma jistax jintbagħat bil-Posta.

**b) BIEX IKUN VALIDU L-PROTEST**

Kull Club li jipprotesta waqt il-league għandu jagħmel il-Protest bil-miktub u li jibgħat żewġ kopji (L-ISTESS) ta' kull Protest li jagħmel lis-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda, u jiġi aċċettat biss, sa mhux aktar tard minn tliet (3) ijiem mid-DATA u l-ĦIN li tkun bdiet l-istess partita, il-ġurnata tal-partita mhux inkluża.

Kull Club li jipprotesta waqt loghbiet kompettitivi ohra (Mhux waqt il-league), għandu jagħmel il-Protest bil-miktub u li jibgħat żewġ kopji (L-ISTESS) ta' kull Protest li jagħmel lis-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda, u jiġi aċċettat biss, sa mhux aktar tard minn jumejn (2) mid-DATA u l-ĦIN li tkun bdiet l-istess partita

**c) META L-KOPJI TAL-PROTEST MHUX L-ISTESS**

Jekk il-club eċċ., li jkun qiegħed jipprotesta, ż-żewġ kopji tal-Protest (L-ORIĠINALI U D-DUPPLIKATA TAL-PROTEST) li jibgħat lis-segretarju ta' din l-Għaqda skont ir-Regolament 116/B, ma jkunx l-istess, (JAQBLU FIL-KONTENUT TAGĦHOM) il-Protest ma jiġix aċċettat mis-Segretarju, u f'dan il-każ is-Segretarju Ġenerali jkun fid-dover li jinforma lill-Kunsill, billi jesibixxi l-kopji tal-Protest fl-ewwel Laqgħa tal-Kunsill.

**d) DMIR TAS-SEGRETARJU ĠENERALI**

Meta s-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda jirċievi Protest u li jkun skont Rule 11/B, għandu jċempel lill-Club eċċ. Immedjatament, biex jinfurmaħ li hemm Protest kontrih, u wara tkun ir-responsabbiltà tal-Club biss, kif jirċievi l-istess Protest.

**117. FEJN JIDHER IL-PROTEST**

a) Protesti li jidhlu fiz-zmien il-league, jidru l-ewwel quddiem il-Kunsill ta' din l-Għaqda, filwaqt li protesti fuq loghbiet kompettitivi ohra, jidhru quddiem il-Bord ta' l-Appelli u Protesti ta' din l-istess ghaqda, fejn jiġi diskuss, u jittieħdu d-deċiżjonijiet fuqu, skont ir-Regolamenti 124 A sa E.

b) **IL-PROTEST FUQ L-AĠENDA FIZ-ZMIEN IL-LEAGUE**

Meta Protest ikun fuq l-Aġenda u fl-istess waqt ikun hemm bżonn ta' Investigazzjonijiet u ta' Ċertifikat minn, jew tal-Malta Football Association, is-Segratarju ta' din l-Għaqda jrid ikun lest, bl-informazzjonijiet meħtieġa, għal quddiem il-Kunsill tal-I.A.S.C. biex jiġi moqri kollox f'ħin wieħed, fl-istess Seduta.

c) **META PROTEST MA JKUNX FUQ L-AĠENDA FIZ-ZMIEN IL-LEAGUE**

Meta jidħol xi Protest għand l-Għaqda, u jkun fiż-żmien meta l-Għaqda tkun ħarġet ċirkulari biex isir Laqgħa tal-Kunsill ta' din l-Għaqda u għalhekk il-Protest ma jkunx fl-Aġenda ta' dik is-Seduta, l-istess Protest jinqara fil-(HWEJJEG OHRA) fejn jiġi moqri biss, u jidher fl-ewwel Seduta segwenti ta' din l-Għaqda.

d) **IL-ĦLAS TAL-PROTEST**

Ma' kull Protest għandu jkun hemm ħlas ta' €60 għax inkella l-Protest ma jiġix aċċettat. Jekk il-Protest jintilef kemm fil-Kunsill ta' din l-Għaqda jew fil-Board tal-Appelli u Protesti ta' din l-istess ghaqda, il-ħlas ta' €60 ma jingħatax lura. Imma f'każ li l-Protest jintrebaħ mill-Kunsill jew mill-Board tal-Appell u Protesti ta' din l-Għaqda., il-Club ikkonċernat, jiġi rifondut is-€60 imma l-Club l-ieħor għandu jeħel multa ta' €25.

**APPELLI MILL-CLUBS EĊĊ. TA' DIN L-GĦAQDA, QUDDIEM IL-BORD TA' APPELLI U PROTESTI TAL-IASC, WAQT IL-LOGĦOB TAL-LEAGUE BISS, JEW MILL-LOGĦOB TAL-INTERLEAGUE L-QUDDIEM.**

## 118. APPELL MINN DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-I.A.S.C. QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELLI U PROTESTI TAL-IASC STESS. (FI ŻMIEN IL-LEAGUE BISS)

a) Meta jitressaq Appell quddiem il-Bord tal-appelli u protesti tal-IASC minn Club eċċ. Tal-Ewwel jew ta' Tieni Diviżjoni ta' din l-Għaqda fiż-żmein il-League biss, dan jista' jsir fiż-żmien tlett (3) ijiem mid-deċiżjoni tal-Kunsill ta' din l-Għaqda.

b) Id-decizjonijiet mehuda mill-Bord tal-appelli u protesti tal-IASC huma finali.

## 119. IL-BOARD TAL-APPELL U PROTESTI TA' DIN L-GĦAQDA

a) Il-Board tal-appelli u protesti ta' din l-Għaqda, għandu jkun kompost hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| I. | Chairperson | - | Membru newtrali fi hdan l-ghaqda |
| II. | Zewg Membri | - | Zewg membri minn Pool ta' Membri newtrali |
| III. | Segretarju | - | Segretarju Generali jew persuna ohra mahtura minnu. |

b) Id-decijonijiet tal-Board tal-appelli u protesti ta' din l-Għaqda jigu mehuda mic-Chairperson u iz-zewg membri newtrali biss u huma finali.

## 124. KUNDIZZJONIJIET TAL-PROTEST QUDDIEM IL-KUNSILL TAL-I.A.S.C. FIŻ-ŻMIEN TAL-LEAGUE BISS

a) Meta jkun hemm protest fuq l-Aġenda, u jkun hemm aktar Affarijiet biex jiġu diskussi jew deċiżi, l-ewwel għandhom jiġu diskussi jew deċiżi, l-Affarijeit l-Oħra kollha, u anke l-Item Ħwejjeġ Oħra, biex il-Cloubs ikunu jistgħħu jressqu l-ħtiġijiet tagħhom u, l-Protest għandu jitressaq l-aħħar ITEM.

   i. Meta l-Protest ikun imressaq minn Club tal-Ewwel Diviżjoni, għandu jkun preżenti d-Delegat tal-Istess club, biex jagħti xi spjegazzjoijiet u anki jibqa' preżenti, sakemm l-istess Protest jiġi diskuss mill-Kunsill.

   ii. Immedjatament, għandha ssir id-difiża mid-Delegat tal-Coub l-ieħor, li jkollu l-Protest kontra tiegħu, u jibqa' preżenti wkoll sakemm l-istess Ptrotest jiġi diskuss mill-Kunsill.

iii. Wara l-verżjoni taż-żewġ Delegati kkonċernati, l-Protest għandu jiġi diskuss mill-Kunsill fil-Ġreżenza taż-żewġ Delegati, u fl-aħħarnett, iż-żewġ Delegati u l-kumplament tad-Delegati tal-Ewwel Diviżjoni, għandhom iħallu l-Protest ta' fejn tkun qed issir is-Seduta.

iv. F'każ lil l-Protest ikun qed jiġi mressaq minn xi club ta' Tieni Diviżjoni, għandha ssir l-istess mjanjiera, skont kif jidher fl-A, B u C

b) Kull meta jkun hemm Protest quddiem il-Kunsill tal-I.A.S.C., u jkun imressaq mill-Clubs tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni rispettivament, l-istess Protest jiġi diskuss mill-Kunsill kollu, imma wara jiġi deċiż mill-Clubs ta' dik id-Diviżjoni li ma tkunx infoluta.

c) Kull Protest, għandu jiġi diskuss u deċiż, sa mhux inqas minn tliet Delegati, minn dik id-Diviżjoni, li l-Clubs tagħha ma jkunx inboluti mill-Protest.

d) Meta jkun hemm protest fuq l-Aġenda, kemm jekk ikun tal-Ewwel jew tat-Tieni Diviżjoni rispettivament, kull Club ta' dik id-Diviżjoni li tkun responsabbli mid-deċiżjoniji tal-Protest, u mkunx fil-ħin, il-club għandu jeħel multa skont Rul 27D, imma jekk il-club ma jattendix, jeħel multa ta' €50.

e) Kull deċiżjoni ta' Protest għandha tingħata lill-Clubs ikkonċernati permezz tat-telefon biss, wara s-Seduta fl-istess ġurnata.

## KIF GĦANDHOM ISIRU L-APPELLI

### 125. MIN JISTA' JAPPELLA

Kull Club, Membru ta' Kumitat jew player jista' jappella kontra d-Deċiżjonijiet kollha li jittieħd fil-Kunsill ta' din l-Għaqda, ta' kull staġun kurrenti.

### 126. SAKEMM HEMM ŻMIEN GĦALL-APPEL

L-Appell għandu jintbagħat lis-Segretarju ta' din l-Għaqda bil-miktub, (ŻEWĠ KOPJI L-ISTESS) mhux aktar tard tlett (3) ijiem u l-ħin mid-data li tkun bdiet is-Seduta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Id-Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill hija nkluża.

### 127. ĦLAS TAL-APPELL

a) Ma' kull Appell, kull Membru ta' Kumitat eċċ., għandu jibgħat ħlas ta' €60 biex l-Appell ikun aċċettat, il-Club, Membru ta' Kumitat eċċ., jista' jibgħat evidenzi ġodda. (ŻEWĠ KOPJI L-ISTESS).

b) F'każ li l-Appell jintilef mill-Club eċċ., li jkun qed jappella quddiem il-board ta' din l-Għaqda, il-Ħlas tal-FEE ta' €60 tal-Appell ma tingħatax lura. F'każ li l-Appell jintrebaħ mil-Club eċċ., li jkun qed jappella, quddiem il-Board tal-Appell ta' din l-Għaqda BISS, il-ħlas tal-FEE ta' €60 tal-Appell jiġi rifondut lill-Club eċċ., imma l-Club l-ieħor jeħel multa ta' €25

## 128. IR-RISERVA TAD-DRITT TAL-BORD TAL-APPELLI U PROTESTI

Il-Bord tal-Appell u Protesti jirriserva d-dritt jekk jitlobx il-preżenza tal-Club, Membri tal-Kumitat eċċ., li jkun qed jappella, u jew li jieħu kunsiderazzjoni ta' evidenzi ġodda. Il-Bord jiddeċiedi huwa kif għandha tingħata u jew manjiera li juża biex tiġi kkuomunikata d-deċiżjoni tal-istess Bord.

## 129. IL-LIBERTÀ TAL-BORD TAL-APPELL U PROTESTI

Il-Bord tal-Appell u Protesti ta' din l-Għaqda, huwa fil-libertà għall-Proċedura li juża biex jieħu kull deċiżjoni. Id Deċiżjonijiet kollha li jiġu mgħotija minn dan il-Bord, jistgħu jingħataw lill-clubs ikkonċernati permezz tat-Telefon, b'ittra rreġistrata jew E-mail.

## 130. RAPPREŻENTANTI QUDDIEM BORDS U KUMITATI

Membri legali ma jistgħux jirrapreżentaw li xi Club jew membru ta' kumitat, eċċ quddiem il-Board tad-Dixxiplina jew il-Bord tal-Appelli u Protesti u/jew Kumitati oħra ta' din l-Għaqda, jekk ma jkunux jokkupaw xi kariga fil-kumitat tal-Club, u li kien ġie rreġistrat mill-bidu tal-istaġun skont Rule 51 A u B.

## 131. DEĊIŻJONIJIET, MULTI U ĦLASIJIET OĦRA

a) Il-multi kollha li jiġu mwaħla mil-Bord tad-Dixxiplina, Bord tal-Appelli u Protesti, mill-Kunsill u kull xorta ta' ħlasijiet oħra fuq il-Clubs, membri tal-Kumitat, eċċ., dawn għandhom JIĠU MĦALLSA mhux aktar tard mill-ewwel Ħadd mid-data li tkun ittieħdet id-deċiżjoni. Il-ħlasijiet kollha għandhom isiru waqt il-logħob ta' din l-Għaqda biss.

b) Il-ħlasijiet tal-Uffiċjali (referees u assistant referees) għandhom jiġu mħallsa qabel ma tibda tiġi mwettqa l-fixture ta' kull club konċernat.

c) Il-ħlasijeit kolha għandhom jiġu mħallsa lill-Kaxxier u/jew lil min ikun qed jagħmel floku, skont Rule 13/2.

d) Min jonqos id-dover rigward kull xorta ta' ħlas skont ir-Rule 131 A/B/C ta' din l-Għaqda, il-club ikkonċernat għandu jeħel multa addizjonali ta' 50% fuq il-FEE originali.

**132. KIF CLUB JISPIĊĊA MILL-GĦAQDA**

F'każ li club ta' din l-Għaqda, jkun naqas li jħallas fees u multa eċċ., bi ksur tar-Rule 131 A/B/C/D, u anke li wara li jiġi avżat bil-miktub, permezz ta' ittra rreġistrata jew e-mail u l-Club ikkonċernat jerġa' jkompli li jonqos mid-dover, il-club ikkonċernat għandu jiġi mnjeħħi b'passi dixxiplinarji minn din l-Għaqda. U għandhom jittieħdu passi legali skont Rule 41 u 43 A u B.

**133. ALTERAZZJONIJIET JEW ŻIDIET FIR-RULES**

Alterazzjonijiet u jew żidiet fir-Rules ta' din l-Għaqda ma jistgħux isiru, jekk mhux peremzz ta' avviż bil-miktub, li jrid jiġi alterat, miżjud eċċ., mogħti jew mibgħut lis-Segretarju ta' din l-Għaqda, mhux aktar tard mid-data li jiġu mitluba dawn iż-żidiet jew alterazzjonijeit, permezz taċ-ċirkulari li tintbgħat lill-clubs (IRREĠISTRATA) fl-Aħħar Seduta Ġenerali tal-Għaqda tal-Għeluq tal-Istaġun. Biex dawn jiġu għad-diskussjonijiet u għall-approvazzjoni tal-Kunsill fl-Ewwel Laqgħa Ġenerali tal-Ftuħ tal-Istaġun segwenti.

**135. IS-SETGĦA TAL-ALTERAZZJONIIJIET**

Alterazzjonijiet u jew żidiet fir-Rules ta' din l-Għaqda, jistgħu jitressqu biss, fl-Ewwel Seduta Ġenerali tal-Ftuħ tal-Istaġun, kif imsemmi fir-Rule 134 biex jiġu diskussi u approvati mil-Kunsill b'maġġoranza ta-żewġ terzi (2/3).

**136. L-URĠENZA TAR-RULES EĊĊ**

Il-Kumitat Eżekuttiv biss għandu jkollu l-Awtorità li jressaq Alterazzjonijiet u jew żidiet fir-rules skont dawn iċ-ċirkostanzi:

a) F'każ ta' xi ċirkostanzi, li l-urġenza tagħhom ma tippermettix li jibqgħu pendenti għall-Ewwel Laqgħa Ġenerali tal-Ftuħ tal-Istaġun segwenti.

b) Meta jinqalgħu ċirkostanzi għall-għarrieda, u jew meta tinħass il-ħtieġa biex dawn ir-Rules jiġu konformi ma' dawn tal-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION.

**137. ALTERAZZJONIJIET JEW ŻIDIET FIR-REGOLAMENT TAL-LOGĦOBA TAL-FOOTBALL**

Ir-Rgolamenti tal-Logħba tal-Football jiġu miżjuda jew alterati fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-FOOTBALL INTERNATIONAL ASSOCIATION BOARD, f'Ġunju ta' kull sena. Dawn ir-Regolamenti tal-logħba tal-Football, l-ewwel jiġui stabbiliti u b'effett mid-Data tal-FIFA imbgħad jiġu operati minn meta jiġu ċċirkulati mill-MALTA FOOTBALL ASSOCIATION.

**138. IL-PROPRJETÀ TAL-I.A.S.C. U R-RAPPREŻENTANTI TAGĦHA**

a) Il-proprjetarji uniċi tal-proprjetà kollha tal-INTER AMATEUR SOCCER COMPETITION, huma l-president, is-Segretarju u l-Kaxxier għall-intenzjonijiet kollha.

b) L-istess Uffiċjali jew tnejn minnhom jistgħu jirrapreżentaw lill-Għaqda, quddiem Bords. Għaqdiet Oħra, ma Banek għal kull raġun, f'bejgħ jew xiri ta' oġġetti skont il-bżonnijiet kollha eċċ.

c) Il-President u s-Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda, għandhom jirrappreżentaw lill-Għaqda quddiem Tribuanls, Arbitraġġ jew quddiem Awtorità Legali.

**Charles Azzopardi**
**President**
**Inter Amateur Soccer Competition**
**24 t' Awwissu 2017**

# REGOLAMENTI LI JIGVERNAW IL-MOD KIF TINTREBAĦ IL-CONDUCT SHIELD TA' L-INTER AMATEUR SOCCER COMPETITION

**Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal-loghob kollu organizzat min din l-għaqda**

1. **Numru ta' Players (Number of Players)**
   Għal kull bidu ta' partita kompetitiva ta' din l-Għaqda min jibda b'għaxar (10) players jitlef żewġ (2) punti, min jibda b'disa (9) players jitlef tliet (3) punti.

2. **Players innotati (Players Noted)**
   Il-Club jitlef tliet (3) punti għal-kull player li jeħodlu ismu l-Uffiċjali, membri tal-Kunsill u jew membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

3. **Players Imkeċċija (Marching Orders)**
   Il-Club jitlef ħames (5) Punti għal kull player li jiġi mkeċċi waqt il-logħob mil-ground mill-Uffiċjali.

4. **Formoli tal-Line-Up**
   Dak il-Club li ma juzax il-formoli tal-Line-Up ta' din l-Għaqda jitlef żewġ (2) punti.

5. **Il-Ħin li tibda l-logħba (Appointed time of match)**
   Malli r-Referee jsaffar l-ewwel tisfira (li tindika li beda it-10 minutes grace time), u l-Captain ma' jmurx javża lir-referee li t-tim tiegħu lest għall-logħba, il-Club jitlef ħames (5) punti.

6. **Il-Ħin tal-Logħba (Duration of Match)**
   Dak it-tim li ma jilgħabx il-ħin tal-logħba kollha skond ir-regolamenti kollha tal-istatut tal-IASC jitlef sitt (6) punti.

7. **Jaghti rebha ta' Loghba (Walk Over)**
   Meta Club ma' jkunx fil-ħin skond Rule 89 a/b/c ta' paġna 32 ta' l-istatut tal-IASC il-Club jitlef disa' (9) punti.

8. **L-imgieba tal-Membri tal-Kumitat tal-Clubs (Clubs Committee Members Behaviour)**
   Kull Kumitat ta' kull tim li jkun qiegħed jipparteċipa, u li l-imġieba tiegħu ma tkunx moderata, il-Club tiegħu jitlef erba' (4) punti. Jekk l-imġieba tal-Kumitat kollu ta' l-istess Tim u jew Timijiet ma tkunx tajba, il-Club(s) jitlef tnax (12) il-punt.

**9.** Dak il-club li jikser Rule 105 A jew B, ghandu jehel 5 punti ghal kull darba li jikser dan ir-regolament.

**10.** Il-Conduct Shield ta' din l-Għaqda ma tinghatax lil dak il-Club li jikser ir-Regolament Nru. 9 kollu jew lil dak il-Club li jitlef aktar minn 30 punt.

**11.** Dak it-tim jew timijiet li jitilfu aktar minn 70 punt jridu jigu ikonnfermati b'mozzjoni, b'maggoranza ta' zewg terzi fl-aħħar laqgha tal-istagun, biex ikunu jistghu jipartecipaw fl-istagun li jmiss u jridu iħallsu affiljazzjoni doppja. (Konferma b'mozzjoni sigrieta bdiet mil-istagun 2014/2015)

**12.** Ir-rebbieħ/a tal-Conduct Shield ta' din l-Għaqda ma jħallas/jħallsux affiljazzjoni għal-istagun li jmiss.

**13.** Jirbħu dak/dawk il-Club/Clubs li jkollu/jkollhom l-aktar logħbiet b'inqas punti mitlufa.

**14.** Jekk ikun hemm tnejn u/jew aktar Clubs li jkunu lagħbu l-aktar u jkunu bil-punti mitlufa indaqs, il-Conduct Shield ghandha tinghata lill-Clubs ikkoncernati għal perjodu ta' żmien.

**15.** Il-Club li jieħu l-Conduct Shield ghandu jkun dak il-Club li jkun lagħab l-izjed logħob u bl-inqas punti mitlufa fil-logħob kompetitiv kollu, matul l-istess stagun ta' l-INTER AMATEUR SOCCER ASSOCIATION.

**16.** Dawk it-timijiet li jkollhom anqas minn tletin 30 punt iħallsu nofs l-affiljazzjoni għal-istaġun li jmiss.